# QORTI ĊIVILI
## (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)
### GĦAWDEX

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum L-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru:- 2/2019**

**Angelina Schembri (KI 23165G) u Rodrick Schembri (KI 20686G)**

**vs**

**Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (C38323) u Francis Schembri (KI 16861 G)**

**George Schembri (KI 9066 G)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 29 ta' Lulju, 2019 fejn ir-rikorrenti Angelina Schembri u Rodrick Schembri talbu kif isegwi:

Rikors għal stralċ ai termini tal-Artikolu 218(1)(b)(c) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta ta' Angelina Schembri u Rodrick Schembri.

Jesponu bir-rispett:-

**Premessi**

Illi fl-ewwel lok l-esponenti qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors ai termini tas-subartikoli 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpanija intimata tiġi xolta u konsegwentement stralċjata b'ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti peress illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed illi jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-istess kumpanija;

Illi fit-tieni lok l-esponenti qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors ai termini tas-subartikoli 214(2)(a)(i) u 218(1)(b) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpanija intimata tiġi xolta u konsegwentement stralċjata b'ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti peress illi n-negozju tal-kumpanija intimata ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar;

Illi fit-tielet lok l-esponenti qegħdin ukoll, jippreżentaw dan ir-rikors sabiex ai termini tal-Artikolu 315 tal-Kap. 386, dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati l-oħrajn Francis Schembri u George Schembri, it-tnejn li huma diretturi tas-

soċjeta′ intimata, u kienu xjentement partijiet fit-tmexxija tan-negozju tal-istess kumpanija intimata, mexxew l-istess kumpanija b′mod ħażin u bil-ħsieb ta′ frodi ta′ kredituri tal-kumpanija intimata inkluż tal-esponenti, u konsegwentement sabiex dina l-Onorabbli Qorti ssib lill-imsemmija intimati responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta′ responsabbilta′ għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpanija kif din il-Qorti tista′ tordna li hu xieraq u sabiex tapplika fil-konfront tal-istess intimati Francis Schembri u George Schembri in solidum bejniethom il-komminazzjonijiet kontemplati taħt l-artikolu 315(2) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta′ Malta.

**FATTI**

Illi l-kumpanija intimata ġiet reġistrata bħala kumpanija b′responsabbilta′ limitata fid-disgħa u għoxrin (29) tà Marzu elfejn u sitta (2006) [Memorandum & Articles tal-kumpanija anness u markat ′**A**′];

Illi s-soċji fil-kumpanija huma l-esponenti u l-intimati Francis Schembri u ħuh George Schembri filwaqt li dawn l-intimati huma wkoll diretturi tal-kumpanija;

Illi b′kuntratt ta′ kompravendita′ tat-tlieta (3) ta′ Lulju elfejn u sitta (2006), li sar fl-atti tan-Nutar Joseph N. Tabone, l-intimat

Francis Schembri biegħ u ittrasferixxa lill-kumpannija intimata żewġ appartamenti u garage fi Triq Ix-Xwejni, Marsalforn limiti taż-Żebbug, Għawdex, u kwart (1/4) indiviż minn porzjon art imsejħa 'Il-Qortin ta' Mewġ il-Baħar', fi Xwejni limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' circa erbat elef tliet mija u ħamsa u sittin metri kwadri (4,365m.k.). Dawn kienu proprjeta' ta' Anthony Saliba li kien jiġi z-ziju patern tal-esponenti Angelina Schembri. Dan it-trasferiment l-intimat Francis Schembri kien għamlu permezz ta' prokura li kellu ta' dan Anthony Saliba u dawwar mingħajr il-kunsens tiegħu, b'qerq u b'għamil frawdolenti din il-proprjeta' għal fuq il-kumpanija intimata bi flus li ma tħallsux jew li l-intimat kien approprija ruħu indebitament mill-istess flus. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali tal-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u tnax (2012), fil-kawża fl-ismijiet: 'Anthony Saliba vs Francis sive Frank Schembri u Neptune's Bar and Restaurant Company Limited', il-Qorti kienet annullat il-kuntratt ta' bejgħ u kienet iddikjarat li dan kien sar bil-qerq u b'mod frawdolenti mill-intimat Francis Schembri a dannu ta' Anthony Saliba [kopja tas-sentenza esibita u markata 'B']. Minn din is-sentenza tirriżulta deskrizzjoni dettaljata tal-fondi li kienu l-oġġett tal-kuntratt annullat;

Illi bejn l-esponenti Angelina Schembri u l-intimat Francis Schembri hemm żewġ kawżi li għadhom pendenti quddiem il-

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja, waħda fejn l-esponenti qiegħda titlob ix-xoljiment, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li ġġib in-numru 17/06/BS u l-oħra għas-separazzjoni personali bin-numru 06/2007/BS, it-tnejn jinsabu differiti għas-seduta tat-30 ta' Novembru 2019;

Illi b'sentenza mogħtija fil-kawża numru 17/06 fis-16 ta' Settembru 2009, il-Qorti kienet iddikjarat terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Schembri u fl-istess ħin ordnat li jsir il-qsim ġudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Il-Qorti ddikjarat fis-sentenza tagħha li l-intimat Francis Schembri bl-imġieba tiegħu kien qed jipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-esponenti Angelina Schembri u li kien qed jopera biss fl-interess tiegħu personali [kopja tas-sentenza esebita u markata 'C']. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, fejn ikkonkludiet b'aktar saħħa li l-intimat Francis Schembri kien qiegħed jopera biss fl-interess personali tiegħu u kkundannat lill-istess intimat iħallas l-ispejjeż għal darbtejn billi l-appell tiegħu kien wieħed frivolu u vessatorju [kopja tas-sentenza esebita u markata 'D'];

Illi b'kuntratt tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017), fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo, l-intimati Francis Schembri u George Schembri kienu dehru għall-kumpanija

intimata fuq kuntratt ta' bejgħ u ttrasferew lil terzi l-appartament proprjeta' tal-kumpanija internament immarkat bin-numru tnejn (2) fl-*elevated groundfloor level*, formanti parti mill-blokk bla numru u jismu 'Falcon Court Block A, li jifforma parti mill-iżvilupp akbar bl-isem 'Falcon Court', fi Triq Ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Ġie dikjarat li dan il-begħ sar għall-prezz ta' disgħin elf ewro (€90,000) [kopja tas-sentenza esebita u markata 'E'];

Illi dan il-kuntratt sar bi premeditazzjoni da parti tal-intimati Francis Schembri u George Schembri biex jiġu elużi u defrawdati d-drittijiet tal-esponenti Angelina Schembri kemm bhala kreditriċi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-esponenti t-tnejn li huma bħala azzjonisti tal-kumpanija intimata kif sa jirriżulta f'aktar dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża. Inoltre l-prezz dikjarat tal-immobbli trasferit huwa wieħed sottovalutat u ma jirrispekkjax il-valur ġust u reali tal-immobbli trasferit. Il-konvenuti għamlu dan jew biex ħbew parti mill-prezz reali bi qliegħ indebitu ghalihom personali jew ta' min minnhom jew biex iqarrqu bl-attriċi u bil-kumpanija. Inoltre l-intimati Francis Schembri u George Schembri dawru a benefiċċju u l-interess personali u esklussiv tagħhom il-flus li ġabru minn dan il-bejgħ u dan għamlu bi frodi tal-kumpanija u tal-esponenti;

Illi irriżulta wkoll minn riċerka li għamlu l-esponenti mar-Reġistru tal-Kumpaniji, li sa minn meta l-kumpanija ġiet inkorporata minn Marzu 2006 sallum, naqqset b'mod assolut li tippreżenta xi forma ta' accounts. Inoltre ma jidhirx li nżammu kotba tal-kumpanija u hemm nuqqasijiet serji fil-kontrolli interni tal-istess kumpanija;

Illi n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, u l-bejgħ li sar bil-kuntratt ta-25 ta' Novembru 2017, sar biss u unikament bil-għan ta' frodi;

Illi l-flus li l-kumpanija intimata kellha f'Kontijiet fil-Banek u kumpaniji oħra nġabru kollha mill-intimati Francis Schembri u George Schembri, jew min minnhom, u sparixxewhom;

Illi l-kumpanija intimata għandha tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tas-subartikoli 214(2)(a)(i) u 218(1)(b) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre jeżistu raġunijiet gravi għaldaqshekk u jirriżulta bl-aktar mod lampanti illi l-kumpanija intimata ġiet operata b'abbuż mill-intimati Francis Schembri u ħuh George Schembri a skapitu tal-kredituri tal-istess kumpanija, fosthom u primarjament tal-esponenti, u għalhekk jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna wkoll ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata ai termini tal-artikoli 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-intimati Francis Schembri u George Schembri, diretturi tal-kumpanija intimata u li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod hawn fuq deskritt, mexxew lill-kumpanija intimata ħażin u bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew bil-għan ta' frodi, u għaldaqstant għandhom iwieġbu personalment għal għemilhom.

**TALBIET**

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Fl-istadju preliminari ta' dan ir-rikors u b'urġenza taħtar minnufih amministratur provviżorju sabiex jamministra u jiġġestixxi n-negozju tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni tal-imsemmi negozju u dana taħt u skont id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, u għaldaqstant hemm lok li tiġi xolta u konsegwentement stralċjata l-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company

Limited u dan ai termini tas-subartikolu 214(2)(a)(i) u 218(1)(b) tal-Kap. 386;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u dan ai termini tas-subartikolu 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap. 386;

4. Tordna x-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata b'effett mill-jum imsemmi fl-artikolu 223 tal-Kap 386;

5. Tagħti ai termini tal-artikolu 219 tal-Kap 386, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proċeduri;

6. Taħtar stralċjarju bis-setgħat u d-dmirijiet kollha skont l-artikoli 228 *et sequitur* tal-Kap 386 u tagħti kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi inkluż ukoll illi jinvestiga l-aġir negliġenti u abbużiv tal-intimati Francis Schembri u George Schembri u dan in vista wkoll ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 316 tal-Kap 386;

7. Fi stadju ulterjuri tas-smigħ ta' dan ir-rikors, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati Francis Schembri u George Schembri, diretturi tal-kumpanija intimata u li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod hawn fuq deskritt, mexxew lill-kumpanija intimata ħażin u bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija intimata inkluż tal-esponenti, u għalhekk tiddikjara lill-imsemmija intimati Francis Schembri u George Schembri responsabbli personalment u *in solidum* bejniethom, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpanija intimata u tikkundanna lill-imsemmija Francis Schembri u George Schemnbri iħallsu l-istess *in solidum* bejniethom. Inoltre mitluba wkoll li tapplika fil-konfront tal-imsemmija intimati aħwa Schembri dik il-multa jew multi li din il-Qorti jidhrilha xieraq u tapplika dawk il-komminazzjonijiet l-oħra kollha kontemplati taħt l-artikolu 315(2) tal-Kap. 386.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru, ta' qbid u ta' inibizzjoni ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-intimati li huma nġunti minn issa in subizzjoni, personalment.

B'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri fil-liġi.

Rat ir-risposta ta' Neptune's Bar and Restaurant Company Limited C 38323 u Francis Schembri K.I. 16861(G) u George Schembri K.I. 9066(G) kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament ir-rikors fil-konfront tas-soċjeta' Neptunes Bar and Restaurant huwa monk stante illi ma ġiex notifikat lid-diretturi fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi li għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tagħha ai termini tal-Memorandum and Articles of Associations u għalhekk l-istess soċjeta' għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tar-rikorrenti;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talba tar-rikorrenti li qed issir a bażi tal-artiklu 315 tal-Kap 386 hija waħda prematura u intempestiva stante illi ma setgħax jirriżulta ebda għemil frawdolenti da parti ta' ebda wieħed mill-azzjonisti jew diretturi fil-konfront tal-kredituri jekk il-proċeduri tat-terminazzjoni u l-istralċ għadhom ma nbdewx;

3. Illi inter alia l-konvenuti aħwa Schembri ma għandhom l-ebda diffikulta' li l-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant tiġi xolta u konsegwentement stralċjata stante illi kienu proprju Francis u George aħwa Schembri li ilhom isejħu laqgħat u jibagħtu kumunikazzjoni lir-rikorrenti sabiex din

l-istess kumpanija tiġi stralċjata b'mod volontarju ai termini tal-artiklu 214(1)(b) tal-Kap 386, iżda kienet l-istess rikorrenti li naqset milli tikkoopera u dan kif jista' jiġi pruvat fil-mori tal-kawża.

4. Illi għalhekk ir-referenza mir-rikorrenti li qed tibbaża l-kawża fuq l-artiklu 214(2) (b) (iii) hija superfluwa stante illi prima facie jidher li hemm qbil mill-azzjonijiet kollha li l-istess soċjeta' għandha tiġi xolta u konsegwentement stralċjata volontarjament;

5. Illi hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li l-kumpanija ilha ma topera għal 'il fuq minn erbgħa u għoxrin (24) xahar.

6. Illi jsegwi għalhekk illi din il-kawża hija inutli u ntiża biss biex tivvessa lill-intimati aħwa Schembri bil-ħruġ ta' mandat 93/2019PC fl-ismijiet Angelina Schembri vs George Schembri u Francis Schembri għal ammont esaġerat u bla bażi legali liema mandat qed jiġi sostnut bir-rikors odjern.

7. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti George Schembri u Francis Schembri dejjem aġixxew fl-aħjar interess tal-kumpanija u dan minkejja l-bosta ostakoli da parti tar-rikorrenti Angelina Schembri.

8. Illi f'dan ir-rigward jingħad illi l-ko-operazzjoni tar-rikorrenti ilha monka mill-bidu tal-istess soċjeta' u minflok ma kkollaborat mal-azzjonisti l-oħra u mal-ġid tal-kumpanija saħansitra intavolat mandati u saru kawżi proprjament għaliex hija naqset milli tersaq għal-laqgħat ġenerali u laqgħat oħra tal-kumpanija u dan kif ser jiġi dettaljament provat fil-mori tal-kawża;

9. Illi dawn il-proċeduri setgħu faċilment ġew evitati kieku r-rikorrenti bagħtu minflok ittra ġudizzjarja u għalhekk l-esponenti ma għandhom ibagħtu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

10. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li l-intimati qed jirriżervaw minn issa li jagħmlu jekk ikun il-każ.'

Rat li fil-verbal tal-25 ta' Settembru, 2019 l-intimati ddikjaraw li d-diretturi tal-kumpanija intimata dak in-nhar kienu huma cioe' Francis Schembri u George Schembri filwaqt li s-segretarju kien Francis Schembri. L-intimati fl-istess verbal iddikjaraw ukoll li l-*audits* tal-kumpanija preżentati lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kienu

jwasslu sas-snin 2013 filwaqt li l-*annual returns* daħlu sas-sena 2019.

Rat illi fl-istess verbal din il-Qorti ordnat li jiġu annessi mal-atti odjerni l-atti tal-mandat ta' sekwestru 93/2019.

Rat l-atti annessi, il-'Memorandum and Articles of Association', l-affidavits, xhieda, 'reports and financial statements', kuntratti, kontro-eżamijiet, bosta dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Lulju, 2020 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġi nominat Perit u jagħti l-valur fis-suq tal-appartament 31, Falcon Court, Rabat Road, Marsalforn, Għawdex fid-data tal-bejgħ tiegħu u cioe' f'Novembru, 2017 fl-istat li kien mal-bejgħ.

Rat ir-risposta tar-Riċevitur Uffiċċjali Amministratur Provviżorju tal-Kumpanija intimata nominat għat-talbiet tar-rikorrenti a fol. 1045 u 1046 tal-proċess;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku nominat il-Perit Valerio Schembri a fol. 1047 et seq tal-proċess.

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Lulju, 2021 il-partijiet għalqu l-provi tagħhom u l-Qorti imponiet termini fuq il-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom;

Rat id-dokumentazzjoni li segwiet dan il-verbal preżentata mill-amministratur tal-kumpanija intimata, ir-rikorsi, il-verbali u d-digriet sussegwenti u dan b'referenza għall-aġir tal-intimat Francis Schembri li baqa jagħmel  użu mill-proprjeta' tal-kumpanija intimata nonostante li rriżenja minn  kull kariga li kellu fl-istess kumpanija.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tad-9 ta' Marzu, 2022 il-kawza ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawża odjerna tikkonsisti f'talba mir-rikorrenti sabiex din il-Qorti tordna l-likwidazzjoni u l-kosegwenti stralċ tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited.  Il-partijiet Angelina Schembri u Rodrick Schembri rikorrenti u l-intimati Francis Schembri u George Schembri huma lkoll

azzjonisti tal-kumpanija intimata. Oriġinarjament il-partijiet kollha kienu diretturi tal-istess kumpanija intimata. Ir-rikorrenti Angelina Schembri u l-intimat Francis Schembri huma miżżewġin filwaqt li l-proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom inkluż id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ilhom li nbdew ġudizzjarament sa mis-sena 2006 cioe' ftit xhur wara biss il-formazzjoni tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant. Ir-rikorrent Rodrick Schembri jiġi binhom. L-intimat George Schembri huwa ħu l-intimat l-ieħor Francis Schembri. Ir-rikorrenti jitolbu x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata abbażi ta' tlett raġunijiet:

(i) li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija Art 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 386 (Att dwar il-Kumpaniji);
(ii) għar-raġuni li n-negozju tal-kumpanija intimata ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar fit-termini tal-artikolu 214 (2) (a) (i) u 218 (1) (b) tal-Kap. 386 (Att dwar il-Kumpaniji);
(iii) li l-intimati allegatament mexxew b'mod ħażin u bi frodi l-affarijiet tal-kumpanija fit-termini tal-Artikolu 315 tal-Kap. 386 (Att dwar il-Kumpaniji).

L-intimati kollha jirrispondu permezz ta' risposta waħda, inkluż il-kumpanija intimata u dwar ir-raġunijiet gravi jsostnu li ma

hemmx bżonn din it-talba għaliex huma jaqblu li l-kumpanija għandha tiġi stralċjata w'anki talbu li dan isir b'mod volontarju anki qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna. Jaqblu wkoll li huwa minnu li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar. Dwar l-allegata tmexxija hażina u bi frodi l-intimati jiċħdu li dan seħħ u jeċċepixxu li t-talba hija prematura stante li dan għandu se mai jiġi nvestigat fi stadju ta' proċeduri ta' terminazzjoni u stralċ.

**Eċċezzjoni preliminari:**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati jsostnu li r-rikors fil-konfront tas-soċjeta' Neptunes Bar and Restaurant huwa monk stante li ma ġiex notifikat lid-diretturi fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi li għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tagħha ai termini tal-Memorandum and Articles of Associations u għalhekk l-istess soċjeta' għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tar-rikorrenti.

Il-Qorti vverifikat mill-atti a fol. 68 ergo tal-proċess li s-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata bir-rikors nhar is-26 ta' Awwissu, 2019 billi kopja tar-rikors tħalliet f'idejn l-intimat Francis Schembri li dak in-nhar kien direttur tal-istess kumpanija. Il-Qorti rat ukoll li r-risposta a fol. 125 et seq tal-proċess ġiet

preżentata wkoll f'isem il-kumpanija għalhekk ma tistax tifhem ir-raġuni u l-bażi legali ta' din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.

Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati bħala frivola u vessatorja għall-aħħar bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**<u>Fatti:</u>**

Il-Qorti rat mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited C 38323 (esebit a fol. 8 et seq tal-proċess liema kopja ġġib id-data tal-15 ta' Frar, 2008) li din ġiet reġistrata nhar id-29 ta' Marzu, 2006.

Minn din id-dokumentazzjoni jirriżulta a fol. 11 li r-rikorrenti Angelina Schembri waqfet milli taġixxi bħala Direttur tal-kumpanija sa mill-20 ta' Novembru, 2006 u li r-rikorrent Rodrick Schembri ma baqax direttur sa mis-26 ta' Settembru, 2006 (fol 12). Id-dokumenti dwar it-tneħħija tagħhom huma ffirmati mill-intimat Francis Schembri li apparti li huwa indikat bħala direttur jirriżulta li kien indikat ukoll bħala segretarju tal-kumpanija.

Fit-termini tal-istess dokument Angelina Schembri tirriżulta li għandha 190 sehem, Francis Schembri 190 sehem, Rodrick

Schembri 90 sehem u George Schembri għandu 60 sehem fil-kumpanija. Ir-rappreżentanza tal-kumpanija hija f'idejn kwalunkwe tnejn mid-diretturi (ara fol. 27).

Il-Qorti rat ukoll li a fol. 348 et seq, permezz ta' nota tar-rikorrenti, ġiet esebita kopja aġġornata tal-*Memorandum & Articles of Association t*al-kumpanija intimata li ġġib id-data tal-14 ta' Ottubru, 2019. Minn din il-kopja jirriżultaw il-fatti segwenti:

(i) Riżoluzzjoni datata 7 ta' April, 2014 li permezz tagħha ġie dikjarat li minn riżoluzzjoni unanima tal-membri preżenti għal-laqgħa ġenerali straordinarja datata 12 ta' Diċembru, 2013 il-klawsola 5 tal-Memorandum of Association ġiet emendata kif isegwi:

'a) the Authorised Share Capital be increased from €2,329,37 divided into 1,000 ordinary shares of €2.329373 each to €11,646.87 into 5,000 ordinary shares of €2.329373 each by the creation of 4,000 ordinary shares of €2.329373 each.'

Ġie wkoll dikjarat li Angelina Schembri naqset milli tattendi għal-laqgħa.

(ii) Illi Francis Schembri bħala direttur permezz ta' dikjarazzjoni datata 30 ta' Marzu, 2015 informa lir-Reġistratur li Rodrick Schembri rriżenja minn Direttur tal-Kumpanija.

(iii) Li bħala diretturi tal-kumpanija kien hemm Francis Schembri u George Schembri biss u segretarju Francis Schembri.

Rat ukoll li a fol. 414 ġie esebit mir-Reġistratur tal-Kumpaniji kopja oħra tal-*Memorandum and Articles of Association*. Flimkien miegħu Form K li tevidenzja li r-rikorrent reġa' ġie nominat Direttur fit-3 ta' Frar, 2014. Minn ittra datata 2 ta' Mejju, 2019 jirriżulta li ġie nfurmat li Francis Schembri fil-vestijiet kollha tiegħu fi ħdan il-kumpanija bidel l-indirizz. Jirriżultaw ukoll numru ta' penali.

Permezz tan-nota suesposta ġiet esebita wkoll kopja legali tar-riċerki tal-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited mis-sena 2006 sad-data tan-Nota.

Mir-riċerki esebiti jirriżulta dak dikjarat mir-rikorrenti fin-nota tagħha tal-21 ta' Novembru, 2019 u cioe' kif isegwi:

(i) Illi l-kumpanija kienet akkwistat b'kuntratt ta' kompravendita' fl-atti tan-Nutar Joseph N. Tabone tat-3 ta' Lulju, 2006 żewġ appartamenti f'St. Paul's Court, Triq ix-Xwejni, Marsalforn,

Żebbuġ, Għawdex;  garaxx fis-semi-basement level fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Żebbug, Għawdex, u kwart (1/4) indiviż minn porzjon art magħrufa 'il-Qorti ta' Mewġ il-Baħar' fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Żebbug, Għawdex.

Skont ir-rikorrenti ebda flus ma għaddew għand il-venditur għaliex kien l-istess Francis Schembri li deher għan-nom tal-venditur permezz ta' prokura.

Jirriżulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali datata l-1 ta' Novembru, 2012 gia suespost li l-kuntratt ġie annullat u rexiss fuq raġuni ta' qerq u għemil frawdolenti da parti tal-intimat Francis Schembri. Il-kuntratt ta' rexissjoni ġie ppubblikat min-Nutar Enzo Dimech nhar l-1 ta' Marzu, 2017. Fuq il-kuntratt deher kuratur nominat għan-nom ta' Francis Schembri stante li naqas milli jidher għall-kuntratt.

(ii) Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani datat 20 ta' Diċembru, 2007 il-kumpanija akkwistat garaxx fis-semi basement u arja ta' flat fl-*elevated groundfloor level* u nofs (1.2) diviż tax-shaft mill-blokk 'Falcon Court' , fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Żebbug, Għawdex għall-prezz ta' €72,210.58.

(iii) Illi l-appartament numru 2, 'Falcon Court', Marsalforn, Żebbuġ, inbiegħ mill-kumpanija intimata lil Carmel u Mary konjuġi Montebello għall-prezz ta' €90,000 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo datat 25 ta' Novembru, 2017.

Rat ukoll a fol. 30 et seq tal-proċess id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri datata l-1 ta' Novembru, 2012 (PC 100/2006) li permezz tagħha wara li ġie deċiż kif isegwi:

' . . . u filwaqt li tiddikjara li l-imġieba tal-konvenut qiegħed jipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attriċi, tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn Francis u Angelina magħrufa bħala Lina konjuġi Schembri u fl-istess ħin tordna li jsir il-qsim ġudizzjarju tal-komunjoni tal-beni . . . '

Fl-istadju ta' appell ġie deċiż li l-appell ta' Francis Schembri kien wieħed fieragħ u s-sentenza tal-ewwel Qorti ġiet konfermata (ara fol. 58).

Rat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo datat 25 ta' Novembru, 2017 fejn fuqu dehru l-intimati George Schembri u Francis Schembri fil-vesti tagħhom ta' Diretturi u rappreżentanti tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company

Limited (Fol. 59 et seq) u li permezz tiegħu l-kumpanija biegħet lil ċerti Carmelo Montebello u Mary Montebello il-Flat numru 2 fil-blokka Falcon Court, Block A fi Triq ir-Rabat Marsalforn għall-prezz ta' disgħin elf Euro (€90,000).

Rat l-affidavit tal-**Avukat Mario Scerri** a fol. 129 et seq tal-proċess. Hu jixhed li bejniethom ir-rikorrenti għandhom 50% tal-ishma tal-kumpanija filwaqt li l-intimati aħwa Schembri bejniethom għandhom il-50% l-oħra. Iżid li malli bdew il-problemi ta' separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti Angelina Schembri u Francis Schembri, Francis Schembri qabad u neħħa lir-rikorrenti minn diretturi u diretturi tal-kumpanija baqgħu biss l-intimati Francis u George Schembri. Is-Segretarju eżekuttiv tal-kumpanija dejjem kien u baqa' Francis Schembri. Iżid li wara li ġiet ordnata x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mill-Qorti bejn Angelina u Francis konjuġi Schembri, l-intimati sejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija bl-intenzjoni li jgħaddu riżoluzzjoni sabiex il-kapital azzjonarju tal-kumpanija jiżdied sostanzjalment, skont dan ix-xhud, sabiex jitwaqqa drastikament il-valur tal-ishma fil-kumpanija u jtellef is-saħħa tar-rikorrenti fl-istess. Għalkemm kien sar mandat ta' inibizzjoni x-xhud isostni li r-riżoluzzjoni kienet xorta għaddiet bil-'casting vote' ta' Francis Schembri u l-azzjonijiet il-ġodda nxtraw kollha minn Francis Schembri allegatament bi prezz deriżorju. Dawn l-azzjonijiet il-ġodda iżda ma setgħux jiġu reġistrati f'isem Francis Schembri stante li laħaq

intlaqa' l-mandat. Ix-xhud jagħmel ukoll referenza għall-proċeduri tal-kawża numru 100/2006 fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali datata l-1 ta' Novembru, 2012 li kienet iddeċidiet li l-intimat Francis Schembri kien aġixxa b'qerq u frodi meta b'użu ta' prokura favur tiegħu minn Anthony Saliba kien trasferixxa proprjeta' ta' Anthony Saliba fil-kumpanija filwaqt li l-flus li allegatament marru għand Anthony Saliba baqgħu għand Francis Schembri. Dan it-trasferiment ġie rexiss wara kawża li damet għaddejja għaxar snin u l-proprjeta' għaddiet lura għand il-werrieta ta' Anthony Saliba.

Fir-rigward tal-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet jagħmel referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qrati kemm fil-prim'istanza kif ukoll fl-appell fejn fiż-żewg stadji ġie dikjarat mill-Qrati li sa mill-mument li nqala l-inkwiet bejn il-koppja Francis Schembri kien qed jaġixxi biss fl-interess personali tiegħu. Skont dan ix-xhud l-istess għandu japplika għal Francis Schembri fit-tmexxija tal-kumpanija intimata.

B'referenza għall-bejgħ da parti tal-kumpanija tal-appartament fi Triq ir-Rabat, Marsalfron isostni li l-prezz ta' disgħin elf Euro (€90,000) qatt ma daħal fil-kontijiet tal-kumpanija. Iżid ukoll li l-valur tal-appartament fiż-żmien li nbiegħ kien ferm aktar minn disgħin elf Euro (€90,000).

Dwar il-kotba tal-kumpanija jgħid li minn riċerki li għamel il-kumpanija, l-*accounts* tal-kumpanija ilhom snin ma jsiru u anki *vat returns* u taxxa fuq l-*income* qiegħdin snin b'lura nonostante li suppost il-kumpanija tiġġestixxi r-Restaurant Neptune's Bar and Resturant u d-dħul derivanti mill-istess. Isostni li permezz tas-sentenza esebita li fiha ġie ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti l-avvjament tar-'restaurant' kien ġie valutat lura fis-sena 2009 għall-ammont ta' erba' mija u sittin elf Euro (€460,000).

Iżid li fil-proċeduri ta' separazzjoni personali u ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti l-Qrati ddikjaraw li Francis Schembri mhux persuna affidabbli u li aġixxa b'tali mod sabiex jiskapriċċa lil martu mis-sehem tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti.

Rat in-nota tal-intimati aħwa Schembri a fol. 142 li permezz tagħha esebew l-*audited accounts* tal-kumpanija mis-snin 2006 sas-sena 2013. Permezz tal-istess nota ddikjaraw li skont l-istess dokumentazzjoni l-intimat George Schembri kien dovut mill-kumpanija s-somma ta' €148,859 u l-intimat Francis Schembri kien dovut is-somma ta' €255,100. Dan jirriżulta minn żewġ dikjarazzjonijiet iffirmati mill-istess intimati ndirizzati lill-awditur Joe Cordina esebiti a fol. 143 u 144 tal-proċess datati 26 ta' Settembru, 2014. Il-Qorti rat ukoll l-*audited accounts* esebiti.

A fol. 398 xehdet **Marie Said** in rappreżentanza tal-BNF Bank li esebiet il-kontijiet bankarji tal-kumpanija intimata mill-1 ta' Ottubru, 2001 sad-29 ta' Jannar, 2016. Il-Qorti rat minn dokument JC 1 li dan il-kont bankarju beda b'żero, il-massimu li laħaq kienet is-somma ta' €20,836.21 nhar is-6 ta' Diċembru, 2006, baqa jintuża regolarment sabiex jitħallsu diversi kontijiet tul is-snin u anki baqgħu jidħlu depożiti ta' madwar għoxrin elf Euro kull tant żmien permezz ta' standing orders u anki depożiti kontanti, mis-sena 2011 l-attivita' fih naqset drastikament u ġiet fix-xejn sakemm il-kont ġie magħluq kif jidher mill-bank stess fid-29 ta' Jannar, 2016. Il-kont JC 2 jidher li kien jintuża bħala kont over-draft tant li fis-sena 2007 tela' f'bilanċ ta' massimu ta' €33,512.69 DR, liema ammont iżda beda jonqos riżultat ta' ċekkijiet li kienu jiġu depożitati tul ix-xhur. Jidher li sas-snin 2008, fl-2009 u 2010 kien hemm diversa attivita' bejn iż-żewġ kontijiet sabiex dan il-kont jinżamm fi kreditu, minn Novembru 2011 jidher li l-attivita' waqfet kompletament sakemm il-kont ingħalaq bħala 'Dormant' nhar it-8 ta' Marzu, 2018.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Mario Galea** in rappreżentanza tal-HSBC Bank a fol. 400 et seq fejn ukoll esebixxa *statements* ta' żewġ kontijiet bankarji u ddikjara li għal dak li huma investimenti tal-kumpanija intimata mal-bank ma sab xejn. Mill-kont MG 1 jirriżulta li l-kont infetah fis-sena 2009 u kien jintuża mis-sena 2010 bħala kont-overdraft. Sat-22 ta' Ottubu, 2019 l-attivita' f'dan

il-kont bankarju kienet għadha għaddejja fejn jinħarġu ċekkijiet u meta dawn jiġu msarrfa l-bank jiġbed mill-kont l-ieħor biex jaqta l-bilanċ. Il-bilanċ rimanenti kien jibqa' dejjem dak ta' €12. Fil-kont MG 2 kienu jidħlu l-pagamenti tal-EPOS u cioe' permezz tal-*credit cards* mis-sena 2009 sa Ottubru, 2015. Wara dan ix-xahar il-pagamenti permezz tal-EPOS waqfu. F'dan il-mument il-kont kien juri bilanċ ta' €21,221.75. Tul is-snin baqgħu jitħallsu xi kontijiet u jidħlu xi ħlasijiet minn investimenti. Minn Awwissu 2018 'l quddiem jidhru numru ta' 'withdrawals' f'kontanti u wkoll Mejju u Ġunju, 2019 sakemm finalment il-bilanċ fis-7 ta' Ottubru, 2019 ġie dak ta' €9.06.

Mix-xhieda ta' **Saviour Farrugia** għan-nom ta' Transport Malta datata 22 ta' Novembru, 2019 (fol. 403) jirriżulta li l-kumpanija hija proprjetarja ta' vettura Isuzu Demax pick-up reġistrat fuq isem ir-rikorrent Rodrick Schembri għan-nom tal-kumpanija. Skont dan ix-xhud sa dak in-nhar ma kienx hemm multi fuq il-vettura.

A fol. 406 xehdet **Dr. Maria Borg Sicluna** għan-nom tar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Hija tixhed li mis-sena 2014 sas-sena 2018 l-*accounts* ma ġewx sottomessi għar-reġistrazzjoni. Ta' qabel ġew sottomessi. Tgħid ukoll mid-dokumenti li kellha li l-*accounts* mis-sena 2006 'l quddiem kienu jidħlu presso poco b'mod regolari kull sena sas-sena 2013. Mistoqsija iżda jekk jistax ikun li d-dokumentazzjoni ġiet preżentata lilhom f'darba tikkonferma li trid

tivverifika. Dwar multi tgħid li l-kumpanija għandha fuqha sad-data tas-7 ta' Novembru, 2019 multi fis-somma ta' €2104.50 u dawn huma għal kontijiet mhux 'up-to date'. Bħala sanzjonijiet tgħid li sa dak iż-żmien ir-Reġistratur qatt ma impona sanzjonijiet fuq il-kumpanija. Minn din ix-xhieda joħroġ ukoll li r-rikorrent Rodrick Schembri kien reġa' ġie appuntat direttur fl-2014 iżda spiċċa fit-30 ta' Marzu, 2015. Tgħid ukoll li ma jkollhomx ir-raġuni għalfejn diretturi jkunu rriżenjaw. Dwar iż-żieda fil-kapital tgħid li mill-istatut reġistrat dan jidher awtorizzat iżda mhux 'paid-up'.

Din ix-xhud terġa tixhed a fol. 587 et seq tal-proċess. Hija tesebixxi kopja tal-form K's fejn tneħħew ir-rikorrenti minn diretturi fis-sena 2006. Tgħid li ma titniżżilx raġuni għalfejn ma jkunux baqgħu diretturi. A fol. 591 ġie wkoll esebit il-mandat ta' inibizzjoni notifikat lir-reġistratur li waqqaf milli jiġi reġistrat l-*increase in capital*.

A fol. 417 et seq xehed l-intimat **Francis Schembri**. Isostni li r-rikorrenti allegatament irriżenjaw minn diretturi lura fis-sena 2006 fuq talba taghhom stess permezz ta' ittra minn Dr. Mario Scerri. Fl-istess ħin iżda jbiddel il-verżjoni u jgħid li mhux għax kien hemm ittra iżda minħabba li fil-kawża ta' separazzjoni r-rikorrenti ddikjarat diversi drabi li ma riditx li jkollha x'taqsam mal-kumpanija. Hu sema' dan verbalment u bagħat li rriżenjat. Dwar

ir-rikorrent Rodrick Schembri jgħid li kien hu li ma riedx jibqa' direttur. Dwar għalfejn reġa' sar direttur Rodrick Schembri jgħid li kienet xewqa ta' Rodrick Schembri li jibda jmexxi r-*restaurant* u hekk beda jagħmel fis-sena 2013 u fis-sena 2014 ried isir direttur u hu għamlu direttur. Reġa' tneħħa meta Rodrick stess talab lil Joe Cordina biex ineħħih. Skont ix-xhud Rodrick Schembri kien qed imexxi r-*restaurant* ħazin.

A fol. 423 et seq xehed ir-rikorrent **Rodrick Schembri**. Jgħid li fis-sena 2013 hu xtaq li jgħaqqad il-familja u talab lil missieru biex jerġa' jaħdem fir-*restaurant.* Jgħid li għal madwar ħames xhur kienu mexjin sewwa. Kien itih paga bil-quddiem ta' madwar elfejn Euro (€2,000). Dwar il-kumpanija jgħid li hu kien iħalli kollox f'idejh, fi kliemu Francis Schembri kien:

'iħawwad u jgerfex fiha, u li jkun hemm bżonn jagħmel. Kont inħalli kollox f'idejh.'

Jgħid li mhux hu talab lill-missieru biex isir direttur, missieru ħawwad, hu li kien jgħidlu kien jiffirma. Kien jgħidlu biex ma jħallasx lin-nies u spiċċa bil-kredituri jiġru warajh għalkemm ħaddiem. Fl-istess xhieda iżda, wara ħafna tidwir fil-kliem, li jaħseb li kien missieru Francis Schembri li kien reġa' għamlu direttur. Sar jaf li rriżenja għaliex irċieva karta. Jgħid li hu spiċċa mill-kumpanija fl-2016 għaliex ma baqax jafda l-missieru u kellu

n-nies jiġru warajh għall-ħlasijiet. Jgħid li hu jrid li l-kumpanija tiġi xolta għax ma jridx ikollu x'jaqsam ma' missieru l-intimat Francis Schembri.

Mistoqsi għalfejn infetħet din il-kawża jgħid li ommu qaltlu li riedu jagħmlu xi ħaga biex l-intimat l-ieħor George Schembri ma jagħtix aktar flus lil ħuh Francis Schembri. Jgħid li meta Francis Schembri jitlob il-flus lil George Schembri jekk dan tal-aħħar jirrifjuta Francis Schembri jabqad itih bl-addoċċ u cioe' jsawtu (fol 428). Jgħid li rah hu stess ukoll isawtu meta kien ikun il-ħanut. Jgħid allura li l-kawża għamilha biex jipproteġi l-George, jgħin lill-ommu u forsi missieru jpoġġi moħħu f'postu. Iżid li hu qatt ma attenda laqgħat tal-kumpanija għax ma jinteressaħx għax kollox Francis Schembri kien jagħmel. Jixtieq il-kumpanija tinħall biex l-intimati ma jibqgħux jgħaffġu u jħawdu fiha. Bħala raġuni ta' frodi jistaqsi jekk setax jinbiegħ l-appartament ta' Marsalforn mingħajr il-firma tiegħu u ta' ommu. In kontro-eżami ma jiċħadx li kien hemm żmien li xtaq jieqaf mir-*restaurant* għaliex ried imur jaħdem fil-bini u wkoll li kien radd lura xi karti waqt laqgħa għand l-avukat tal-intimati. Jenfasizza iżda li ma' missieru ma setax jaħdem għax jagħmel il-bsaten fir-roti. Raġuni li wasslitu biex jitlaq kienet li ma baqax iħalli flus f'idejh u beża' li mhux ser jitħallas. Ma bediex iħallilu flus u ma setax jaħdem u l-kredituri jiġru warajh. Jgħid li jekk hemm xi ħaġa fil-kumpanija huwa jrid sehemu iżda ma jridx dejn. Mistoqsi minn fejn ġabet il-flus il-

kumpanija biex xtrat l-appartament u l-garaxx f'Marsalforn jgħid li ma jafx. Dwar it-trakk jixhed kif isegwi:

'Jien li nista' ngħid biss li jekk inhu t-trakk qiegħed fuq il-kumpanija jien nista' ngħid li morna l-bank, iz-ziju qalli "għandek dawn l-għoxrin elf (20,000)" qalli "Dawn rigal mingħandi għalik" u qabeż missieri u qalli "Mela t-trakk nagħmluh fuq il-kumpanija". Issa t-tickets qegħdin jiġu għandi u t-trakk ma nafx ta' min hu jien. Jekk jaħbat bih, jekk ipparjka ħażin, kollox iċemplu lili. Jien it-trakk ma rridux għax jien mhux jien ħriġthom il-flus. Erħilu, għoxrin elf (20,000) kien tahomli z-ziju, bad luck. Imma mhux jibqa' jagħmilli l-bsaten fir-roti, kull darba pulizija jċempluli għalxejn. Issa ma nafx jien, it-trakk qiegħed għandu, ma tlabtulux.'

Jikkonferma li l-flus għat-trakk ħariġhom George Schembri. Mistoqsi jekk jafx li l-appartament u l-garaxx inxtraw bi flus ta' George Schembri jgħid li ma jafx. Jikkonferma li hu qatt ma nvesta flus fil-kumpanija. Skont ir-rikorrent il-kumpanija saret b'ingann mill-ewwel. Mistoqsi x'jifhem b'ingann jagħmel referenza għall-proprjeta' ta' zijuh Toni li għaddiet fuq il-kumpanija. Dwar meta kien direttur jgħid li kull meta tneħħa dejjem għax neħħih Francis Schembri mhux għax ikun irriżenja hu. Mistoqsi jekk riedx joqgħod direttur jgħid li missieru kien jaf xi jħawwad u ma jafx. Mistoqsi jekk hux minnu li r-raġuni li saru

laqgħat miegħu kienet sabiex jagħti l-karti lura biex ma jibqax direttur jgħid li ma jafx.

**Rodrick Schembri** xehed in kontro-eżami a fol. 1224 et seq tal-proċess. Jgħid li fl-andament tal-kumpanija ma kienx ikun jaf x'qed jiġri għaliex Francis Schembri kien iħawwad u jballalek. Jgħid li ma jafx jekk kienx direttur għaliex Francis Schembri kien iħawwad u hu kien jibża' minnu, jew tiffirmalu jew iballalek. Jinsisti li d-domandi jridu jsiru lil Francis Schembri għaliex hu jaf x'kien iħawwad, jekk ma tiffirmax iballalek. Mistoqsi jekk kienx imexxi l-ħanut jgħid:

'Jiena hemmhekk mort biex naħdem ġo *restaurant* u x'ħin ġejt biex naħdem ġo *restaurant* spiċċajt nibni, spiċċajt inbajjat, spiċċajt ngħaddi d-dawl. Kollox. Dan kollu għal elfejn euro (€2,000) fix-xahar. Jien meta naħdem man-nies dejjem qlajt iżjed minn elfejn euro (€2,000) fix-xahar, imma baxxejt rasi għax missieri.'

Dwar x'kellha u x'kienet tagħmel il-kumpanija intimata jgħid li ma jafx u li Francis Schembri jrid jgħid. Mistoqsi għalfejn qed jgħid li l-kumpanija mhux qed titmexxa sewwa jgħid li ma jafx. Mistoqsi jekk jafx li l-kumpanija għadhiex topera jew le jgħid li ma jafx. Mistoqsi kif l-intimati Schembri ffrodaw lill-kumpanija jgħid li ma jafx. Jikkonferma li qatt ma attenda għal-laqghat ta' kull sena tal-kumpanija u li qatt ma mar fejn l-awditur Joseph Cordina.

Ma jafx x'kienu r-responsabbiltajiet tiegħu ta' direttur, jaf li jekk ma tiffirmax Francis Schembri iballalek u cioe' 'jaghtik, isawwtek' (fol. 1231). Mistoqsi qattx għamel rapport mal-pulizija jgħid li mhux ser jirraporta lill-missieru. Jgħid li minn meta għalaq għoxrin sena qatt ma sawtu imma jekk xi ħadd ikun isawtek tibqa' tibża' minnu. Kien isawtu meta kien għarus u hu agixxa b'*self defence.* Jgħid li fuq din il-kawża qed imexxih l-avukat. Iżid li hu jifhem li jekk l-appartament kien tal-kumpanija kellhom jiltaqghu u jiddeċiedu flimkien li jbiegħu. Jikkonferma li qatt ma mar għand l-*accountant* u qatt ma mar għal-laqghat ġenerali ta' kull sena. Ma kienx imur għax ma kienx jinteressah. Dwar il-mandat jgħid li ħalla f'idejn l-avukat. Dwar it-trakk jgħid li hu ma jridx li t-*tickets* joħorgu fuq ismu għax ħadulu l-punti kollha u ħadulu l-liċenzja. Jgħid li jinteressah li jneħħi t-trakk minn fuq ismu u jekk baqa xi ħaga fil-kumpanija iżda hu għandu l-*business* tiegħu.

Ir-rikorrent Rodrick Schembri dwar zijuh l-intimat George Schembri jgħid li dan tal-aħħar jibża' minn Francis Schembri aktar minnu u jekk ma jobdihx iballalu anki sa riċenti. Dwar il-mandat fuq zijuh George Schembri jgħid li hu ma xtaqx iżommlu l-flus imma ra li ma kellhomx triq oħra.

Dwar iż-żieda fil-kapital azzjonarju jgħid li għandu idea li hu ried li jiżdied l-investiment fil-ħanut u għamel din il-proposta lil missieru. Jgħid li hu kien reġa' mar ir-*restaurant* għaliex kien

imxebba fix-xogħol fejn kien u missieru Francis Schembri kien imur kuljum ħdejn ix-xogħol tiegħu. Kien jgħidlu li ser jirranġaw ir-*restaurant* biex jikkonvinċih imur, il-ħanut kien fi stat ħażin u kien qed jiġi rranġat minn Francis Schembri.

Dwar il-bejgħ tal-appartament jgħid li sar jaf li dan inbiegħ mingħand ommu r-rikorrenti l-oħra u mbagħad mar jara hu, l-appartament inbiegħ wara li ma baqax jaħdem fir-*restuarant*.

Rat li a fol. 459 et seq tal-proċess xehdet **Miriam Sultana** in rappreżentanza tal-Borża ta' Malta. Tgħid li minn riċerka li għamlet fuq il-kumpanija intimata sabet kont miftuh iżda l-bilanċ hu ta' żero. L-aħħar transazzjoni saret fis-sena 2011 fejn baqgħu jinxtraw l-investimenti. Tispjega li dawn baqgħu jinbieghu sa' Marzu 2019 fejn ġie likwidat kollox. A fol. 464 et seq esebiet rendikont tad-dividendi/interessi marbuta mal-investimenti f'isem il-kumpanija intimata. Dawn bdew mit-30 ta' Mejju, 2007 sat-8 ta' Marzu, 2019. A fol. 470 et seq ġie esebit *transaction details* li jagħti rendikont tal-attivita' tal-kumpanija mal-borża. A fol. 572 et seq l-awditur Joe Cordina esebixxa r-rendikonti ta' dawn l-investimenti sal-aħħar tas-sena 2018.

A fol. 473 et seq, xehed quddiem din il-Qorti l-intimat **George Schembri**. Il-Qorti li għexet din ix-xhieda tirrileva li l-intimat waqt ix-xhieda tiegħu deher skomdu ferm jixhed u kien jidher

beżgħan ferm x'ser jgħid u b'sudizzjoni qawwija mill-intimat l-ieħor Francis Schembri fil-fatt f'din ix-xhieda u kull darba li xehed quddiem din il-Qorti jiddomina l-kliem 'ma nafx'.

Huwa jixhed li ma jafx kemm ilu direttur tal-kumpanija. Jgħid li flus mill-investimenti hu ma ġabarx. Hu ma biegħx lanqas u ma jafx min biegħhom. Jinsisti li hu ma jafx jaqra u għalxejn jiġu murija dokumenti lilu. Dwar l-investimenti hu ma jafx xejn u kien imexxih ħuh Francis Schembri. Jixhed li hu kien imexxi r-*restaurant*. Dwar l-appartament u l-garaxx fi Triq Marsalforn jgħid li ma jafx li kellu involviment qabel ma sar il-kuntratt mal-kumpanija. Jgħid li ma għandux idea li hu ċeda konvenju li kien favur tiegħu lill-kumpanija intimata. Anzi jistaqsi 'Kien hemm xi konvenju fuq ismi mela?'. (fol. 476). Jinsisti li ħuh Francis Schembri kien iħawwad fuq dawn l-affarijiet. Ma jafx għalfejn l-ewwel kien hemm konvenju fuq ismu mbagħad dahar fuq il-kumpanija għalkemm ma jiċħadx li kien hemm il-konvenju fuq ismu la hemm miktub hekk.

A fol. 477 ssirlu referenza għall-*accounts* tas-sena 2006 ( a fol. 316 tal-proċess) u mistoqsi għalfejn hemm miktub li huwa sellef lill-kumpanija Lm 79,258 jgħid li għal li jkun hemm bżonn. Jgħid iżda li ma jiftakarx x'kien hemm bżonn:

'għax għamilna ħafna kuntratti u taħwid hekk'.

Jgħid li dawn il-flus ġew minn tal-familja u mix-xogħol tiegħu u kienu biċċa d-dar u biċċa l-bank, jaħseb. Jgħid li ma għandu xejn x'juri li huwa sellef dan l-ammont lill-kumpanija la darba l-flus kienu d-dar. Mistoqsi mill-Qorti jekk talabx riċevuta jgħid li le 'għax aħna konna nħawdu hekk bejnietna, dak hu' (fol 478), hu u ħuh. Il-qliegħ tal-kumpanija jixhed li kienu jaqsmuh hu u ħuh. Mistoqsi għalfejn is-self lill-kumpanija baqa' jikber jixhed li kien għal li kien hemm bżonn imma ma jafx ma jiftakarx bl-amment. Jgħid li l-affarijiet iżommhom l-*accountant* u li hu ma jiftakarx kollox. Mistoqsi kemm baqalu jiġbor mill-kumpanija l-ewwel jgħid li ma jafx bl-amment imbagħad jgħid xi mitejn u tletin elf Euro (€230,000).

Mistoqsi jekk dan l-aħħar sarx xi bejgħ ta' proprjeta' tal-kumpanija jew li nbiegħ appartament u x'sar mill-flus, skont dan l-intimat il-flus mill-bejgħ spiċċa l-bank, biċċa fuq ismu u jżid iżda li ma jafx kemm bl-eżatt. Jgħid li oriġinarjament kien inxtara bħala garaxx u arja iżda ma jafx kemm kien jiswa. Skont dan ix-xhud il-binja għamilha l-kuntrattur Ta' Miedju.

B'referenza għall-*accounts* esebiti jiġi mistoqsi hux minnu li kien jirċievi ħlas mill-kumpanija u jgħid li iva iżda ma jafx kemm u jirreferi biex jiġu ċċekkjati l-karti. Dwar kemm irċieva imgħaxijiet fuq self lill-kumpanija jgħid li ma jafx jgħid. Mistoqsi x'sar

minnhom il-flus tal-bejgħ tal-appartament li ġie rexiss jgħid li ma jafx.

A fol. 495 et seq tal-proċess xehed l-awditur **Joseph Cordina**. Ix-xhud esebixxa fl-atti il-*financial statements* mis-sena 2014 sas-sena 2016. Jgħid li s-snin 17, 18 u 19 ma tantx fadlilhom biex jiġu finalizzati. Jikkonferma li f'dawk l-aħħar tlett snin ma kienx hemm negozju. Jesebixxi wkoll *statements* tal-Borża ta' Malta a fol. 572 et seq. Ix-xhud jikkonferma li hu minn dejjem kien l-*accountant* tal-kumpanija sa minn meta ġiet iffurmata. Jgħid ukoll li kien slowja u ma kompliex l-*accounts* għaliex kien qed jistenna li l-koppja Schembri jissetiljaw bejniethom. Jgħid li mbagħad saru għaliex kien hemm pressjoni minn naħa tal-Qorti. Mistoqsi dwar is-*shareholders loan* li tirriżulta mill-kontijiet bejn is-sena 2006 u 2013 jixhed kif isegwi:

'Normalment meta tkun kumpanija hekk ta' familja ngħidilhom jiena, private companies żgħar bħalma kienet din, ikunu jiddependu fuq il-loans li jagħtu x-shareholders lill-kumpanija. Dawn jekk dawn iddeċidew li jixtru appartament jekk il-kumpanija ma kellhiex, joħorġu l-flus minn tagħhom isellfuhom lill-kumpanija u jixtru. Jekk inhuma ħa jixtru garaxx, l-istess. Issa dan ovvjament f'dak il-każ partikolari iktar u iktar ma kienx hemm qisha barrier diretta qisha linja bejn kumpanija individwu. Allura l-flus kienu jgħadduhom, jekk jiddeċiedu li jagħmlu biċċa

negozju jiġifieri jixtru proprjeta' jew jixtru xi ħaga oħra jew jixtru investimenti fuq l-istock exchange, dawn il-flus mhux ħa jiġu waħidhom, xi ħadd irid jitfagħhom fil-kumpanija, il-kumpanija ma kellhiex dak il-qliegħ  illi biex jinxtraw l-affarijiet.'

Iżid li Frankie u George kienu joħorgu l-flus u jinvestuhom.  Jgħid ukoll li t-tifel Rodrick f'mument minnhom investa xi €20,000, pero' l-parti l-kbira kienu  joħorguhom George u Frans.  Jghid ukoll:

'Ovvjament imbagħad x'ħin bdew jinbiegħu l-assi tal-kumpanija, dawn reġgħu ġabru l-flus lura minn hemmhekk.'

Skont dan ix-xhud l-€20,000 tar-rikorrent Rodrick Schembri għadhom ikarkru hemm fil-kontijiet klassifikati bħala *shareholders loan'*.  Jagħmel referenza għall-*accounts* tas-sena 2015 u jgħid li l-€20,000 huma parti mis-somma ta' €395,000 indikata bħala *amounts due to shareholders*.  Jgħid li hu jista' jagħti bilanċ ma jistax jaqsam id-dejn kif inhuwa dovut lil min.  Minn din ix-xhieda jirriżulta li mis-sena 2013 'l quddiem l-ammont dovut lill-azzjonisti baqa' jidher fis-somma ta' €395,000.  Dwar il-proprjeta' li l-kumpanija xtrat fix-Xwejni u li l-kuntratt ġie rexiss jgħid li jekk jiftakar sew il-flus kienu ħargu bħala *shareholder loan* fis-sena 2006 u meta l-kuntratt ġie rexiss il-flus għaddew lura għand is-*shareholder*.'

Mistoqsi jafx li l-flus qatt ma għaddew għand il-venditur u baqgħu għand Frans Schembri jgħid li hu ma jidholx fiha, jidħol fiha biss jekk il-flus daħlu fil-kumpanija. Mistoqsi s-self f'liema kont tal-kumpanija jkun daħal jgħid li jista' jkun ma daħalx fil-kumpanija u jispjega li jista' jkun mar dirett bejn il-proprjetarju u l-azzjonist u hu jirrekordjah bħala *shareholders loan*, iżid li jgħaddu l-flus direttament waqt il-kuntratt bejn l-azzjonist u min qed ibiegħ u allura ma jkunux daħlu fl-*accounts* tal-kumpanija:

'Ovvjament din ma kellhiex ammonti ta' flus il-kumpanija li tista' taffordja li tixtri proprjeta' biha; minn x'imkien iridu jiġu, u dawn ġew mingħand ix-shareholders.'

Dwar x'ġara mill-flus mal-kuntratt ta' rexissjoni jgħid li jekk ma jsibhomx fil-kontijiet tal-kumpanija jfisser li marru direttament għand l-azzjonist kontra s-*shareholders loan*. Iżid:

'Jiena niġbor, jiġifieri jiġbruli l-karti fl-aħħar tas-sena u niġbor l-accounts. Issa fl-aħħar tas-sena jekk jien nispiċċa b'bilanċ ta' loan, shareholders' loans, jiena nġib dikjarazzjoni mingħand id-diretturi jew mingħand min ikun illi dan sellef lill-kumpanija dik is-somma.' (fol. 505)

Hu ma jitlobx il-firma tal-mara meta d-dikjarazzjoni tkun ta' direttur miżżewweġ.

Ix-xhud jagħmel referenza partikolari għall-*accounts* tal-2007 u jispjega kif jidher li minn *note* 17 kien hemm kredituri li naqsu u tħallsu kollha u jżid ukoll li kien hemm 34,000 *overdraft* li tħallas kollu u dan jirriżulta minn *note* 18. Dwar it-telf li rriżulta jgħid li hu joqgħod dejjem fuq id-dokumenti li jtuh id-diretturi. Jispjega li hu joħrog l-*X reading* kull tlett xhur mill-'cash' u jiġbor l-irċevuti u l-*vat receipts*.

> In kontro-eżami mistoqsi jekk din l-informazzjoni r-rikorrenti setgħetx marret l-uffiċċju tiegħu u talbiethielu jgħid li iva. Jgħid li fil-fatt ġieli marret l-uffiċċju iżda ma jiftakarx għalfejn iżda dan l-aħħar le. Jgħid li qatt ma ċaħħadha minn informazzjoni dwar il-kumpanija. Jixhed li għal riżenji ta' diretturi, il-firma ta' direttur wieħed biżżejjed biex iddaħħal il-form K. Dwar ir-riżenji tar-rikorrenti minn diretturi jgħid li jiftakar ta' Rodrick li kien qallu li ma riedx ikollu x'jaqsam mal-kumpanija. Jgħid li mar ikellmu u ċempillu kemm 'il darba. Mistoqsi x'investiment għamlet ir-rikorrenti fil-kumpanija jwieġeb in-nofs ta' żewġha. Meta Rodrick kien fir-*restaurant* Rodrick kien jitħallas. Jgħid li meta kien isir l-*annual general meeting* kien jibgħat għall-azzjonisti rikorrenti iżda qatt ma kienu jmorru:

'Ma kienux jiġu.  Konna nibagħtulhom jiġifieri, għax jien kont għidtlu, noqgħodu daqsxejn attenti, għidtlu, l-affarijiet nagħmluhom kif suppost.  U konna għamilna xi tlett snin nibagħtu għalihom.  Imbagħad waqaf . . . Imbagħad ma sarux iktar accounts bħalma qed ngħidu, waqfu l-affarijiet kif inhuma.'

Dwar it-tentattiv sabiex jikber is-*share-capital* jgħid li r-rikorrenti ma kinux attendew u trid timxi bin-nies li jkun hemm u għaddiet li jkabbru x-'share capital' imbagħad sar mandat u ma kienx sar l-'increase in share capital', waqaf kollox.  Jgħid li dawn l-ishma żejda kienu jfissru li min jixtrihom (la darba l-oħrajn ma pparteċċipawx) ikollu l-aktar ishma fil-kumpanija.

Wara l-2013 bejn il-missier u t-tifel  fi żmien ix-xhud 'spiċċaw gwerra' (fol. 513) u l-*accounts* waqqfu kollox.

A fol. 578 et seq xehed **Emidio Azzopardi** li biegħ l-arja li xtrat il-kumpanija.  Jgħid li kien George Schembri li qallu li l-konvenju kienu ser idawruh fuq il-kumpanija intimata u li hu ma kellu l-ebda problema.  Jgħid li George u Francis Schembri dejjem ma' xulxin.  Dwar min kien responsabbli mill-iżvilupp jgħid li Francis Schembri qallu  jbiegħlu l-arja għax ried jibni l-appartament kif ried hu għalhekk kien l-istess Francis Schembri li bnieh u hu kompla l-appartamenti l-oħra fuqu.

A fol. 582 xehdet **Anna Rita Meilak** in rappreżentanza tal-MeDirect li tgħid li direttament fuq il-kumpanija ma sabet l-ebda Bond. Tgħid ukoll li jekk ikun hemm intermedjarju eżempju l-HSBC jkun jidher biss l-HSBC. Din ix-xhud reġghet tressqet fit-2 ta' Lulju, 202 a fol. 880 et seq tal-proċess. Tikkonferma li għalkemm bħala regola ċekk f'isem il-kumpanija għandu jidħol f'kont tal-kumpanija, f'dan il-każ il-bank kien aċċetta li jidħol ġo kont personali ta' wieħed mid-diretturi għaliex kien hemm iż-żewġ diretturi preżenti. Tgħid li mexxa l-Manager konċernat Joseph Refalo.

A fol. 585 et seq jixhed **George Xerri** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta li jikkonferma li l-Bank ma kellux l-ebda investiment f'isem il-kumpanija intimata.

Rat in-nota tal-intimat Francis Schembri a fol. 600 et seq li permezz tagħha ġew esebiti l-*audited accounts* tal-kumpanija intimata għas-snin 2017 u 2018 minn fejn jirriżultaw ukoll is-self dovut lill-intimati aħwa Schembri a fol. 602 sa 605 fis-somma dikjarata dovuta lil George Schembri fl-aħħar ta' Diċembru 2017 kienet dik ta' €85,050 u fl-aħħar tas-sena 2018 dik ta' €110,590. Skont dawn id-dikjarazzjonijiet jingħad illi 'This amount is unsecured, interest-free and has no fixed date for repayment.' Għal dak li hu Francis Schembri għas-snin gia msemmija huma €116,733 fl-aħħar tas-sena 2017, u €87,105 fl-aħħar tas-sena 2018.

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' **Michael Grech,** Chairman tal-Kumpanija Michael Grech Financial. Dan ix-xhud issirlu referenza għall-investiment fil-Borża ta' Malta u jgħid li kull fejn hemm indikat MGFMT jfisser li l-kumpanija tiegħu kienet il-Broker għall-istess investimenti. B'referenza għad-dokument intitolat *'Transaction Details'* li kopja tiegħu tinsab esebita wkoll a fol. 618 jixhed:

'dawk huma kollha, tranzazzjonijiet, fejn hemm MGFMT huma tranżazzjonijiet illi għamlet il-kumpanija tagħna bħala Brokers fuq ordni ta' execution only min-naħa tal-kumpanija . . . it-talba kienu dejjem ikunu ffirmat minn Frankie Schembri u George Schembri on behalf of the company.'

Mistoqsi x'sar mid-derivat ta' dawn l-investimenti jippreżenta dokumentazzjoni a fol. 631 et seq tal-proċess. Huwa jgħid li l-kumpanija tiegħu dejjem ħarget iċ-ċekkijiet f'isem il-kumpanija intimata. Iżid li ċ-ċekkijiet kollha jidhru li huma 'placed to the credit' ġewwa kont fil-bank. Bħala transazzjonijiet jixhed li saru sitta. Jgħid li ma jistax jgħid jekk kienx hemm profitt fuq l-investiment għaliex ma xtrawx mingħandhom. Jispjega li ċekkijiet hemm erba' għaliex ċertu transazzjonijiet saru fl-istess ġurnata u nħareg ċekk wieħed tat-transazzjonijiet kollha. Iżid li kien hemm żewġ transazzjonijiet oħra iżda peress li huma antiki ma sabx fejn mar id-derivat. Iċ-ċekk ħareġ imma ma jistax jgħid fejn daħlu.

Il-Qorti għarblet ukoll id-dokumentazzjoni esebita mix-xhud a fol. 631 et seq tal-proċess minn fejn jirriżultaw il-firem tal-intimati Schembri għan-nom tal-kumpanija għalkemm f'uħud minnhom hemm biss il-firma ta' Francis Schembri u mhux tal-intimat l-ieħor. Dawn l-ordnijiet iġibu dati mit-18 ta' Marzu, 2019 sal-21 ta' Marzu, 2019 għal dak li huma dokument sa fol. 645. A fol. 645 jirriżulta ċekk fis-somma ta' €20,339.94 maħrug f'isem il-kumpanija intimata. Fuq wara taċ-ċekk dan jidher iffrimat minn Francis Schembri bħala prokuratur ta' George Schembri u l-istess Francis Schembri għan-nom tal-kumpanija intimata. L-istess jingħad dwar iċ-ċekk ta' €5,965.62 a fol. 646 tal-proċess u ċ-ċekk għas-somma ta' €10,043.41 a fol. 649 tal-proċess. Fuq iċ-ċekk ta' €11,801.25 a fol. 647 ma tidher l-ebda firma iżda biss it-timbru 'placed to the credit'. L-istess iċ-ċekk a fol. 648 fis-somma ta' €10,892.37. Dwar iċ-ċekkijiet fis-somom ta' €11,801.25 u €10,892.37 a fol. 650 kif qal ix-xhud dawn jidhru li ħargu f'isem il-kumpanija iżda ma hemm l-ebda informazzjoni dwar l-'endorsement' tal-istess. Dawn tal-aħħar l-ordni sabiex jissarrfu ngħata mill-intimati fit-28 ta' Frar, 2017. Jirriżulta għalhekk li ġew imsarrfa investimenti f'isem il-kumpanija fit-total ta' € 81,736.21.

A fol. 655 et seq tal-proċess ikompli jixhed l-intimat **Francis Schembri**. Jixhed li l-*accounts* tlestew sas-sena 2019 u jagħmel ukoll referenza għax-*shareholders loan'*. Jesebixxi wkoll dawn l-

accounts għas-sena 2019 (fol. 733 et seq). Jgħid li l-flus mill-investiment daħlu jew f'kont bankarju ta' ħuh George jew fil-kont tal-kumpanija. Mistoqsi minn fejn jidher fl-*accounts* tas-sena 2019 esebiti li ġew depożitati l-flus fil-kont tal-kumpanija jirrispondi li mhux *accountant*. Jgħid li l-bank mar hu u li ta struzzjonijiet biex uħud mill-flus jidħlu fil-kont ta' George Schembri u oħrajn fil-kont tal-Kumpanija intimata u dan fis-sena 2019. Mistoqsi għad-'deposit slip' jgħid li dawk iqattagħhom mill-ewwel jirrepeti diversi drabi:

'Din inqattagħha mill-ewwel jien, u qatt ma niġborha, sorry. . . x'nambiha' (fol. 663)

Jinsisti li jew daħlu fil-kont *savings* tal-kumpanija jew fil-kont ta' George Schembri. Jgħid li ġieli kien imur ipoġġi waħdu fil-kont ta' ħuh George Schembri.

Dwar l-allegat self lill-kumpanija minnu u ġuh jgħid li dakinhar kienu jinvestu fir-restaurant, jixhed a fol. 670 kif isegwi:

'Nixtru l-makkinarju, sewwa, u l-erba' mitt elf (€400,000) matul iż-żmien kollu, mit-two thousand and six (2006) saru sat-two thousand and thirteen (2013), biex tixtri l-proprjeta' u tibni trid il-flus.'

Mill-memorja jgħid li l-kumpanija xtrat il-proprjeta' ta' Toni Saliba, garaxx u arja ta' Azzopardi u kienet tinvesti fl-'equipment' fin-Neptunes Restaurant. Il-prezz dovut lil Toni Saliba jgħid li tħallas lilu għan-nom ta' Toni Saliba għax kien prokuratur ġenerali tiegħu. Jikkonferma li l-flus li kellhom jgħaddu għand Toni Saliba baqgħu għandu. Jgħid li l-flus li hu ħareġ biex il-kumpanija tixtri mingħand Toni Saliba kienu ħargu in parti minn kont bankarju f'ismu u f'isem ir-rikorrenti Angelina Schembri. Il-parti l-oħra ħarġu minn kont li kien f'ismu waħdu. Jgħid li l-flus tal-investimenti mill-BOV shares tefagħhom fil-kont tal-kumpanija. Iżid li s-somma ta' mitejn u għoxrin elf (220,000) kienu f'isem il-komunjoni, kienu flus li ġabu kontanti mill-Ingilterra u għamluhom f'kont bankarju joint – kienu erba' mitt (400) karta tal-ħamsin (50) Sterlina skonthu. Jgħid li daru d-dinja kollha u meta tawh li jistgħu idaħħluhom Malta ġibduhom u daħlu fil-kont konġunt jew fil-kont personali tiegħu. Jghid li l-mara ma tistax tgħid li dawk tagħha għax missieru u ommu ħadmu għalihom. Iżid li kien hemm aktar minn żewġ kontijiet u hu ġibed il-flus minnhom biex isellef lill-kumpanija – jgħid li kien hemm xi 33 kont. Jikjarifika li meta sseparaw qabad ġibed il-flus u tefagħhom fuq il-kumpanija biex ikun jista' jaħdem. Mistoqsi għalfejn fl-accounts jidher li d-dejn baqa jiżdied jgħid bilfors għaliex biex tixtri l-proprjeta' trid il-flus. Dwar il-flus tal-kuntratt rexiss b'ordni tal-Qorti jgħid li dawn il-flus reġgħu lura fil-kontijiet tal-kumpanija. Mistoqsi kif sar dan la darba ma jidhrux

fil-kontijiet bankarji tal-kumpanija jgħid li jistgħu jidħlu kontanti. Iżid li daħlu fil-kontijiet tal-kumpanija, fis-savings tal-HSBC. Isegwi jgħid li mhux qed jgħid li fil-kont daħlet is-somma ta' sittin elf (60,000) iżda li daħluhom skont x'kellha bżonn il-kumpanija biċċa biċċa. Jiftkar ukoll li kien hemm il-kont bankarju tal-Lombard Bank. Jerġa' jgħid li trid issir referenza għall-kontijiet tal-awditur.

Dwar l-arja li nxtrat mill-kumpanija jikkonferma li l-arja ġiet żviluppata mill-kumpanija. Mistoqsi għall-irċevuti tal-ispejjeż jgħid li għandu l-accountant. Ir-rikavat mill-bejgħ tal-appartament jgħid li iddepożitawhom il-bank. Jagħmel referenza għall-atti tal-mandat ta' inibizzjoni annessi fejn skont hu minn hemm jirriżulta fejn marru dawn il-flus. Il-Qorti reġghet daret dawn l-atti iżda ma sabet l-ebda referenza diretta x'sar mir-rikavat fl-atti tal-mandat. Jgħid li kien baqa' madwar €78,000 mill-bejgħ tal-appartament.

Dwar it-telf tal-kumpanija jixhed li l-kumpanija ilha ma taħdem iżjed minn erba' (4) snin. Jagħmel referenza għal xi '*partnership*' dwar ir-*restaurant*' fl-aħħar snin. Iżid li l-kumpanija f'dawn l-aħħar snin ma kinitx qed tħaddem ir-*restaurant*. Jispjega li r-*restaurant* bħala binja qatt ma kien tal-kumpanija. Iżid li l-'*partnership*' kien bejnu personali, ħuh u terzi. Mistoqsi dwar għalfejn fl-*accounts* tal-aħħar snin id-dejn tal-kumpanija jidher li

naqas jgħid li dan kien għaliex hu u ħuh ġabru l-flus mill-investimenti ta' Michael Grech. Jgħid li biċċa ħaduhom hu u ħuh u biċċa qatgħu id-dejn. Jgħid li d-dejn tal-kumpanija hu għaliex hu, George u Rodrick jonqoshom jieħdu mingħand il-kumpanija s-somma ta' 176,000 għalhekk jgħid li '*loss*' huwa d-dejn magħhom tal-kumpanija.

Dwar it-trakk proprjeta' tal-kumpanija jgħid li dan illum m'għandu l-ebda valur bid-*depreciation*. Dwar il-garaxx proprjeta' tal-kumpanija jgħid li dan għandu jinbiegħ mill-anqas mija u sebgħin elf Euro (€170,000). Dwar ir-rikavat mill-investimenti ta' Michael Grech jgħid li kien hemm madwar erbgħin elf Euro li ġabru u ħaduhom hu u ħuh kontra s-self.

Rat li **Francis Schembri** kompla jixhed fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2020a fol. 756 et seq tal-proċess. Jirriżulta minn din ix-xhieda li meta l-intimat qed jagħmel referenza għall-proċess tal-mandat huwa fil-fatt qed jirreferi għad-dokumentazzjoni annessa mar-rikors għar-revoka tal-mandat li jinsab fl-atti odjerni, l-ewwel volum a fol. 74 sa 123. A fol. 113 et seq hemm il-kontijiet bankarji tal-intimat George Schembri fejn jidhru depożiti sostanzjali f'ċekkijiet tal-HSBC fid-data tat-28 ta' Novembru, 2017 fis-somma ta' €45,170 li hija appuntu l-valur ta' ċekk esebit a fol. 115 tal-proċess fondi f'isem il-kumpanija intimata. L-istess jirriżulta li ġara dwar ċekk ieħor datat 16 ta' Settembru, 2017 fis-somma ta'

€9,000 (fol. 119). Jekk fis-somma ta' €22,000 esebit a fol. 123 jirriżulta li ġie depożitat fil-kont bankarju tal-istess soċjeta' intimata kif jidher minn fol. 120. Francis Schembri jikkonferma li huma ċ-ċekkijiet jiffirmawhom fuq wara biex jiġu '*endorsed*' u jsarrafhom min irid iċ-ċekkijiet. Mistoqsi dwar id-diversi '*cash withdrawals*' li jidhru fil-kont bankarju tal-kumpanija li għalihom ġia għamlet referenza din il-Qorti aktar 'il fuq jgħid li kien jiġbed il-flus sabiex ikollu biex jgħix hu u jgħid li kien jiġbidhom mis-*shareholders loan* li kellu. Jinsisti li kien jiġbidhom għax dawk flus tiegħu li hu sellef lill-kumpanija. Jgħid li kemm ġibed flus tnaqqsu mis-*shareholders loan* tiegħu. Jammetti li l-kont tal-kumpanija battlu bħal meta kien hu li mlieh.

A fol. 764 jixhed li meta kien miżżewweġ kien jixtri u jbiegħ fuq ismu u f'isem il-mara sabiex jagħmel profitt u wara li għalqulu l-kontijiet personali minħabba s-separazzjoni beda jagħmel hekk f'isem il-kumpanija sabiex jagħmel xi ħaġa tal-profitt. Jistaqsi jekk kienx qed jagħmel xi ħaġa ħażina b'daqshekk. Jikkonferma li llum il-ġurnata l-kumpanija ma fadlilha l-ebda investiment u jgħid li ilu jgħidilhom lir-rikorrenti biex jagħlquha. Jixhed li l-kumpanija llum ma fadlilha l-ebda direttur u jesebixxi dokument a fol. 168 li juri li fis-6 ta' Frar, 2020 iż-żewġ intimati rriżenjaw minn diretturi tal-kumpanija.

**Francis Schembri** kompla jixhed a fol. 799 et seq tal-proċess. Hu jixhed li ċ-ċekk ta' €20,339.95 maħrug dwar il-bond Von der Heyden Group ingħata lil George Schembri fuq *shareholders loan*. Dwar il-bqija tal-flus jerġa' jagħmel referenza għad-dokumentazzjoni mat-talba tar-revoka tal-mandat. Jgħid li mill-memorja li għandu ħafna mill-flus rikavati mill-investimenti marru *shareholders loan*. Mistoqsi għandux kumpanija oħra jgħid li iva fis-sena 2019 ġiet iffurmata l-kumpanija Peppina. Jgħid ukoll li sa fejn jaf hu ma jidhirlux li għaddew flus minn fuq il-kumpanija intimata għal ġo din il-kumpanija.

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' **Michael Vella** għan-nom tal-Bank HSBC li esebixxa d-dokumentazzjoni relatata ma' investimenti mixtrija mill-kumpanija intimata fil-Borża ta' Malta tramite s-servizzi tal-istess Bank. Rat l-istess dokumentazzjoni.

A fol. 769 et seq kompla jixhed l-awditur **Joseph Cordina**. Huwa jixhed li wara li għalaq il-kontijiet tas-sena 2019 ta l-karti kollha lura lil Francis Schembri. Jgħid ukoll li huwa ma tħallasx ta' xogħlu. Ma jafx jirrispondi iżda dwar jekk il-karti tal-aħħar snin ġewx ritornati peress li l-kontijiet kienu ngħalqu riċenti. Mistoqsi dwar kif jitkejjel id-dejn dovut jagħmel referenza għall-kontijiet li jkunu tħallsu f'isem il-kumpanija u ma jkunx jidher minn fejn ħarġu l-flus allura jassumi li dawn ikunu tħallsu mid-diretturi personali jew mill-kontanti li jkun hemm tiġri fil-kumpanija.

Jgħid li jekk jara li mill-kont wieħed mis-*shareholders* ġibed xi flus mill-kumpanija fl-aħħar tas-sena jaqtagħhom mis-*shareholders loan*. Jgħid li huwa jivverifika li verament kien hemm is-self għaliex fil-kumpanija jkunu daħlu l-assi. Jispjega li hu ma joqgħodx biss sempliċement fuq id-dikjarazzjoni tax-*shareholder* li huwa sellef il-flus lill-kumpanija, huwa jivverifika mill-kontijiet tal-kumpanija li dawn huma riflessi x'imkien. Jikkonferma li sa dik id-data l-kumpanija issa kienet mingħajr ebda direttur u jindika l-preokkupazzjoni tiegħu għaliex issa l-kontijiet tal-kumpanija ser jibdew jaqgħu lura. Dwar il-flus li ġew ritornati lura lill-kumpanija mar-rexissjoni tal-kuntratt jinsisti li dawn għandhom jirriflettu ruħhom f'qabża fis-*shareholders loan* fejn għandhom jidhru maqtugħa minn dovuti minn sena għall-oħra.

**Joseph Cordina** kompla jixhed a fol. 902 et seq tal-proċess b'referenza għall-informazzjoni li ntalbet minnu. Jispjega li hu mhux l-*accountant* tal-kumpanija iżda l-Awditur tal-kumpanija. Jesebixxi dokument a fol. 942 li jevidenzja s-self mis-*shareholders* u dak li għadu dovut mis-sena 2006 sas-sena 2019. Jirriżulta minn dan id-dokument li l-kumpanija għad ghandha dejn mal-azzjonisti fl-ammont ta' €75,288.90 dovuti lil Francis Schembri, fis-somma ta' €81,241.30 dovuti lil George Schembri u fis-somma ta' €20,000 dovuti lir-rikorrent Rodrick Schembri. Jikkonferma wkoll li f'dawn il-*businesses* iż-żgħar mhux sigriet li d-diretturi jiddeċiedu kollox u għalhekk huma jirregolaw xi flus hemm bżonn li jidħlu

fil-kumpanija.  Jenfasizza li għalhekk isiru l-*general meetings* suppost kull sena biex l-azzjonisiti jeżercitaw skrutinju.  Jinsisti li meta kien hemm is-self huwa dejjem ra li kien hemm l-assi ekwivalenti biex jibbilanċjaw.  Jagħmel referenza partikolari għall-investimenti finanzjarji li kienu jinxtraw bi flus tad-diretturi personali iżda f'isem il-kumpanija.  Jammetti li bħala assi immobiljari kien hemm biss iżda appartament u garaxx valutati fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf Euro (€72,000).  Dwar is-somma ta' ħamsa u sittin elf liri Maltin (Lm65,000) derivati mir-rexissjoni tal-kuntratt jgħid li dawn marru direttament fl-*accounts* tad-diretturi intimati personali.  Jgħid li huwa normali li jekk jidħlu flus u ser imorru biex jaqtgħu dejn mas-*shareholder* dawn imorru direttament għandu mingħajr ma jidħlu fil-kont tal-kumpanija.  Jgħid li l-imporanti li jinqatgħu mis-self dovut ta' min ikun.  Dwar flus li jidħlu fil-kumpanija bħala *shareholders loan* jgħid li hu ma joqgħodx jivverfika l-flus minn fejn ġew.  Iżid li meta kien hemm it-talba mill-intimati sabiex jiżdied is-*share capital*, f'okkażjonijiet bħal dawn ħafna drabi kienu jmorru għandu bil-parir lest u daqqa jistaqsi għalfejn ser isir mod u daqqa ma jistaqsix.  Jgħid li minn meta rriżenjaw id-diretturi s-sitwazzjoni finanzjarja baqgħet l-istess.  Jgħid iżda li hu ma rax transazzjonijiet mir-riżenja 'l quddiem.  Jikkonferma li investimenti ma kien baqa xejn.  Jixhed ukoll li ma jafx jekk l-investimenti soffrewx xi telf tul iż-żmien.

Dwar id-dejn dovut lill-azzjonisti jgħid li mis-sena 2013 dan beda jonqos kull sena. Dan id-dejn tħallas lura mill-assi tal-kumpanija. Jgħid li dan meta jitħallas lura ma jkunx hemm *'minuted'* fil-*general meeting*. Mistoqsi jekk jafx għalfejn l-intimati rriżenjaw minn diretturi jgħid li ma jafx qallu li ma riedx jibqa' direttur u għamillu l-karta.

In kontro-eżami jikkonferma li l-kumpanija bdiet b'kapital ta' ħames mitt Liri Maltin (Lm 500). Jikkonferma li l-kapital ġie injettat fil-kumpanija mill-intimati Schembri u dan sabiex il-kumpanija tkun tista' taħdem. Jgħid li sa fejn jaf hu Angelina Schembri qatt ma marret tistaqsih fuq *accounts*. L-istess jgħid fuq Rodrick Schembri. Jgħid li fil-kumpanija intimata qatt ma saru l-proċeduri appositi biex jitneħħa xi direttur jew ieħor tramite li tissejjaħ laqgha ġenerali annwali.

Rat l-ittri uffiċċjali esebiti mir-rikorrenti a fol. 793 et seq tal-proċess. L-ittra a fol. 794 datata 4 ta' Diċembru, 2013 gia tevidenzja n-nuqqas ta' qbil dwar it-tmexxiji tal-kumpanija bejn ir-rikorrenti Angelina Schembri u l-intimati u wkoll ir-rikorrent l-ieħor Rodrick Schembri.

A fol. 808 jerġa' jixhed l-intimat **George Schembri** fejn jikkonferma li għandu għaddha ċ-ċekk ta' għoxrin elf Euro

(€20,000). Jgħid li ma jafx kemm sellef lill-kumpanija, ma jafx x'jagħmel bihom u li ma jiftakarx.

Rat in-nota tal-intimati Francis Schembri u George Schembri datata l-1 ta' Lulju, 2020 li permezz tagħha indikaw ir-rikavat tal-investimenti tal-kumpanija kif ġew mqassma meta ġew imsarrfa ċ-ċekkijiet rispettivi fejn jirriżulta li parti sostanzjali marret għand George Schembri kif indikat kontra dak dovut lilu bħala *shareholders loan* u l-bqija ġew depositati fil-kont bankarju tal-kumpanija kif evidenzjat ukoll fl-*istatements*.

Rat li permezz ta' nota a fol. 879 tal-proċess ġiet esebita d-dokumentazzjoni tal-kumpanija kif elenkata fosthom kotba tal-VAT.

Rat il-kopja tal-ittri uffiċjali mibgħuta mir-rikorrenti lill-Banek HSBC Bank Malta plc u Me Direct konsegwenza għall-fatt li ħallew li jissarrfu ċekkijiet f'isem il-kumpanija u jidħlu f'kontijiet bankarji personali tal-intimati a fol. 890 et seq tal-proċess.

Rat ix-xhieda ta' rappreżentant ieħor tal-HSBC Bank Malta **Michael Refalo** a fol. 977 et seq tal-proċess. Fix-xhieda tiegħu jikkonferma li ċ-ċekkijiet maħruġa mill-investimenti wħud minnhom ġew depositati fil-kontijiet tal-kumpanija iżda tlett ċekkijiet ġew depożitati fil-kontijiet ta' George Schembri. Ġew

depożitati s-somma ta' €10,043.41, €45,170 u €5,965 fil-kontijiet personali ta' George Schembri. Ix-xhud jgħid li suppost jekk ċekk isejjaħ kumpanija dan għandu jidhol f'kont f'isem il-kumpanija. Jispjega li ċ-ċekkijiet li jkunu 'placed to the credit' biss ikunu għaddew suppost fil-kont tal-kumpanija filwaqt li dawk 'endorsed' suppost ukoll imorru ġo kont tal-kumpanija. Jispjega iżda li lura fis-sena 2017 din il-limitazzjoni ma kinitx għadha daħlet fil-liġi. Ix-xhud iżda ma jinstemax ċert u jgħid li bħala regola ċ-ċekk suppost daħal f'kont tal-kumpanija. Jirriżulta aktar tard fix-xhieda li kien hemm erba' ċekkijiet b'kollox li daħlu f'kont tal-intimat George Schembri.

Rat li l-intimat George Schembri kompla jixhed fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2020. Il-Qorti tirrileva li f'din ix-xhieda wkoll l-intimat George Schembri għażel li jirrispondi għad-domandi li kienu qed isirulu bil-kliem li ma jiftakarx dan partikolarment fuq domandi dwar kif ċekkijiet f'isem il-kumpanija intimata spiċċaw depożitati f'kontijiet bankarji personali tiegħu. Anki dwar depożiti ta' madwar €35,000 li kienu saru fil-kont tiegħu ftit żmien qabel ix-xhieda tiegħu l-intimat jgħid li ma jiftakarx kif dawn daħlu fil-kont tiegħu għaliex nesa'. Jgħid li l-karti jħallihom f'idejn ħuh Francis Schembri u dwar fejn imorru l-flus jiddeċiedu bejniethom. Dwar l-appartament li nbiegħ jgħid li nbiegħ *shell'*.

George Schembri jkompli jixhed a fol 1148 et seq tal-proċess fejn għal darb'oħra jiddominaw il-kliem ma nafx. Jgħid li l-idea li jiżdiedu l-ishma kienet ta' kulħadd. Mistoqsi jekk jafx li l-ishma l-ġodda ħadhom ħuh Francis Schembri jgħid li ma jafx għalkemm jikkonferma li kien preżenti għal laqgħa. Jinstema mhux ċert jekk ħadhomx hu jekk mhux ħuh. Mistoqsi għalfejn hu sellef il-flus il-kumpanija jgħid li għal xi bini jew hekk u taħwid (fol. 1156). Jaħseb li meta nxtrat xi arja. Mistoqsi kemm sellef flus lil kumpanija jgħid li nesa' għax għadda ż-żmien. Jgħid li l-appartament f'Marsalforn inbiegħ disgħin elf Euro (€90,000) bl-aġenzija tad-Dhalia. Jgħid li ddeċidew li jpoġġuh għall-bejgħ sabiex hu jitħallas xi ħaga minn dak li kellha ttih il-kumpanija. Mistoqsi min kien iżomm il-minuti tal-kumpanija jgħid li ma jafx għalkemm jirreferi għall-*accountant* Joe Cordina. Jikkonferma li għalkemm kien ikun presenti kien dejjem iħalli f'idejn ħuh u f'idejn l-*accountant*, hu kien imur biex jekk ikun hemm bżonn xi firma, jiffirma.

A fol. 1023 et seq reġa' xehed l-intimat **Francis Schembri**. Jgħid li fid-dokument kaxxa X esebit a fol. 879 tal-proċess hemm id-dokumentazzjoni relattiva għall-ispejjeż sabiex inbena l-appartament f'Marsalforn. Dwar iċ-ċekkijiet tal-investimenti tal-kumpanija jgħid li kien hu li tefa' l-flus fil-kont ta' ħuh George kontra s-*shareholdenrs loan*. Iddeċidew li jagħmluhom f'ta' George

għaliex Francis kien ħa l-flus kontanti. Mistoqsi *x'injection* ta' hu lill-kumpanija jirrispondi a fol. 1028:

'Kull ħaga li xtrajna fuq il-kumpanija, sewwa, ħriġnihom jiena u ħija, għax it-trakk, għax it-trakk li xtara, li taparsi ħariġhom, taparsi ħariġhom Roderick sellifhomlu George tagħna, meta ġie fit-two thousand and thirteen (2103)...'

Iżid li f'kontijiet tiegħu ma daħal xejn għaliex hu m'għandux kontijiet. Jikkonferma li l-kontanti li ġibed hu ħadhom ukoll kontra dak dovut lilu bħala *shareholders loan*. Jixhed li hu u ħuh kienu jaħdmu li jixtru l-proprjeta' tramite l-kumpanija, jitlob il-flus lil George u George itih imbagħad jagħmluhom *shareholders loan*.

Rat ir-relazzjoni tal-**Perit Tekniku Valerio Schembri** a fol. 1048 et seq tal-proċess li ġie nominat minn din il-Qorti sabiex jivvaluta l-fond Flat 2, 'Falcon Court Block A', Triq ir-Rabat, Marsalforn, Għawdex fl-istat li kien meta dan inbiegħ fejn jikkonkludi kif isegwi:

'Wara li kkunsidra il-fatturi elenkati fis-suespost, l-esponent huwa tal-fehma illi l-valur (prezz tas-suq) tal-proprjeta' in kwistjoni libera u franka u in shell form fis-sena 2017 kien fis-somma ta' €95,000.00.'

Rat id-domandi u r-risposti in eskussjoni tal-Perit Tekniku a fol 1142 et seq tal-proċess. F'dawn ir-risposti jikkonferma li prezz ta' disgħin elf Euro (€90,000) huwa jqisu li jaqa' fiċ-ċirka' tal-valur mogħti minnu fir-rapport.

Rat ix-xhieda ta' **Angelo Parnis** in rappreżentanza tal-HSBC plc a fol. 1063 et seq tal-proċess. Mistoqsi kemm hu regolari li ċekk maħrug f'isem kumpanija jiġi depożitat f'kont personali ta' ħaddiehor jirrispondi:

'Fil-preżent m'għadux hekk għax iċ-ċekkijiet huma only cheque u ma jistgħux jiġu nnegozjati, pero' fiż-żmien li sar, fiż-żmien li saret din it-tranżizzjoni kien aċċettabbli li ċekk f'isem kumpanija jekk ikun iffirmat fuq wara jiġi ddepożitat . . f'kont ta' persuna oħra għalkemm . . . . jiena bħala kaxxier lanqas kont obbligat li niċċekkja jekk dak il-bniedem huwiex id-direttur tal-kumpanija jew jistax jiffirma.'

Dan ix-xhud jibqa' jinsisti li lanqas kien obbligat li jiċċekkja li min jiffirma fuq wara taċ-ċekk hux debitament awtorizzat sabiex jagħmel hekk basta jidentifika lill-persuna tal-kont fejn ser imorru l-fondi. Rat id-dokumentazzjoni esebita minn dan ix-xhud fosthom il-'*mandate*' a fol. 1071.

A fol. 1074 et seq reġa' tela' jixhed l-intimat **Francis Schembri**. Mistoqsi għalfejn lura fis-sena 2013 kien hemm tentattiv sabiex jiġi miżjud ix-*share capital* tal-kumpanija jirrispondi:

'Jiena, Roderick Schembri, George Schembri, l-eks Maġistrat Dennis Montebello u l-Accountant, pruvajna nagħtu injection lill-kumpanija biex din kienet falluta, biex ma tibqax nieżla tegħreq. . . Riedet tixtri l-proprjetajiet, sewwa, u ridna nagħtuha injection biex ikollna l-flus f'idejna . . . Jiġifieri jekk dan ix-share capital kien b'elf (1000) u ha nżiduh b'ħamest elef (5000) ħa nagħtuha, ħa nżidu dawk il-flus.'

Jgħid li dan kien ser isir sabiex tinxtara proprjeta'. Jgħid li Rodrick Schembri kien involut għaliex dak iż-żmien kien direttur. Iżid:

'Mela li nista' ngħid biss li niftakar żgur li aħna, jiena u ħija biss ma kellniex il-maġġoranza assoluta li niġu nagħmlu dawn l-affarijiet, meta ġie Roderick magħna ġibna l-maġġoranza assoluta.'

Iżid li r-rikorrenti qatt ma attendiet minn meta ġiet iffurmata l-kumpanija. Jikkonferma li x-*shares* li żdiedu xtrahom kollha hu. Jgħid iżda li effettivament sal-lum hu għadu ma xtara xejn. Jenfasizza li qabel ma xtrahom hu (għalkemm effettivament baqa ma xtara xejn riżultat tal-mandat) dawn ġew offerti lill-azzjonisti

kollha inkluż lir-rikorrenti Angelina Schembri. Jixhed li kienu ser jinxtraw b'ċekk maħrug mill-kumpanija Apex Business Services Limited li kienet ser issellfu l-flus. Iżid li ċ-ċekk kien maħruġ direttament fuq il-kumpanija intimata intiż sabiex hu jixtri l-ishma. Jinsisti li bl-ammont ta' €32,985 kien sar jagħti *'injection'* lill-kumpanija nonostante li dak iż-żmien kellha erba' mitt elf dejn għaliex kienet ser tinxtara proprjeta' li dak inhar kont tixtriha wieħed u erbgħin elf (41,000)u llum tiswa erba' mitt elf (400,000) u li kieku l-kumpanija għamlet dan il-qliegħ. Jgħid li d-dejn ta' ħamsa u erbgħin elf (45,000) fis-sena 2014 kien għamlu r-rikorrent Rodrick Schembri u mhux hu. Jikkonferma li hu silef il-kumpanija s-somma ta' erbgħin elf (40,000) sabiex Rodrick ikun jista' jarma u 'refurbish' ir-restaurant. Jgħid li hu tefa l-flus fil-kumpanija biex ma jħallihiex tfalli u li ma kellu l-ebda skop ieħor.

Rat li a fol. 1147 ġiet esebita kopja aġġornata tal-Memorandum & Articles of Assocation tal-Kumpanija minn fejn tirriżulta r-riżenja tal-intimati minn diretturi tal-istess b'effett mis-6 ta' Frar, 2020. Jirriżulta wkoll li Francis Schembri rriżenja minn segretarju tal-kumpanija b'effett mis-26 ta' Ġunju, 2020.

Il-Qorti rat ukoll l-atti esebiti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 17/2004 esebiti a fol. 264 et seq tal-proċess. Dan il-mandat kien in relazzjoni maż-żieda fil-kapital azzjonarju b'erbat'elef u ħames mitt sehem (4500) kif gia ssemma f'partijiet oħra ta' din id-

deċizjoni. Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha inkluż iċ-ċekk li kien ser jintuża sabiex dawn jinxtraw, minuti, ittri uffiċjali, avviżi u d-dokumenti kollha.

A fol. 1203 et seq tal-proċess xehdet ir-rikorrenti **Angelina Schembri**. Mistoqsija mill-avukati tal-kontro-partijiet intimati tgħid li meta hi għamlet il-mandat minħabba tmexxija ħażina tal-kumpanija bi ħsieb tal-frodi tal-kredituri tal-istess kumpanija hija kienet qed tagħmel referenza għall-flus li kien hemm il-bank u ġibidhom kollha Francis Schembri. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha ma tiddistingwix bejn flus fil-banek f'isem il-kumpanija u flus li kienu tagħha u tar-ragel Francis Schembri personali. Tgħid li meta telqet hi fis-sena 2006 Francis Schembri ġibed il-flus kollha u ma tafx x'għamel bihom. Iżżid li hi fil-kumpanija ma tifhem xejn u li hi kienet tiġi mġiegħla tiffirma lura fis-sena 2006 qabel ma sseparat *de facto*. Tenfasizza li kien jieħu kollox ħsieb Francis Schembri. Dwar kemm insterqu flus tgħid li ma tafx iżda tinsisti li kien jieħu ħsieb l-aktar Francis Schembri għalhekk hu jrid jgħid x'għamel u x'ma għamilx bil-flus. Mistoqsija jekk tafx min tefa l-flus fil-kumpanija sabiex din taħdem tgħid li ma tafx. Tgħid għalhekk li ma tafx min huma l-kredituri tal-kumpanija. Tgħid iżda li tissoponi li tefghu il-flus Francis u George. Tixhed li għamlet il-kawża għaliex ma tafx x'ġara mis-sena 2006 'il quddiem għax kollox għadu staġnat. Dwar xi proprjeta' kellha l-kumpanija intimata tgħid li taf li kellha l-proprjeta' ta' zijuha imma daqshekk

taf. Mistoqsija għalfejn għamlet il-mandat fuq is-somma ta' mitejn u ħamsin elf (€250,000) tgħid li kien hemm aktar minn hekk. Iżżid li permezz tal-kawża hija trid tieħu sehemha mill-flus li ħadilha Francis Schembri minn dawk li ħadmet għalihom hi u dan b'referenza għall-flus li kienu tagħha u tar-raġel. Iżżid li qatt ma qal fejn għamilhom għaliex kieku qal forsi kienu jsibu soluzzjoni.

Dwar il-bejgħ tal-appartament ġewwa Marsalforn ir-rikorrenti tinsisti li dan l-appartament fil-qalba ta' Marsalforn jiswa ferm aktar minn ħamsa u disgħin elf (€95,000) kemm stmah il-Perit tal-Qorti. Mistoqsija x'għamel ħażin George fil-kumpanija tgħid għaliex jagħmel dak li jgħidlu ħuh. Tikkonferma li hija kienet tirċievi sabiex tattendi laqgħat tal-kumpanija iżda ma riditx tmur għal-laqgħat għaliex ma jogħġobhiex kif imexxi Francis Schembri, miegħu qatt ma tasal għal raġuni. Tgħid li kienet tibgħat ittri bl-Avukat li mhux ser tattendi. Ma kinitx tinteressa ruħha x'jiġri waqt il-laqghat u lill-*accountant* qatt ma kellmitu. Tikkonferma li hi qatt ma ħallset lill-*accountant*. Tgħid li taf li hija azzjonista tal-kumpanija imma ma tafx is-sehem tagħha għaliex daħħluha f'xi ħaġa li hi ma tafx x'inhi. Tinsisti li huwa l-Avukat li qed jieħu ħsieb. Tikkonferma li l-kawża odjerna għamlitha minħabba sitta u ħamsin elf Liri Maltin (Lm65,000) tal-proprjeta' taz-ziju li suppost daħlu lura fil-kumpanija u d-disgħin elf Euro (€90,000) tal-bejgħ tal-appartament. Tgħid li taħseb li hemm aktar minn mitejn u ħamsin elf Euro (€250,000). Iżżid li hi qed tinsisti għal sehemha

mhux għas-somma kollha. Mistoqsija min ta l-informazzjoni dwar it-taħwid li jħawdu l-intimati aħwa tgħid li ssupponiet hi għaliex ħajjitha hekk kienet għal tnejn u għoxrin sena. Tgħid li dwar frodi 'ma tistax tbiegħ ħwejjeġ ħaddiehor' (fol. 1218).

Dwar l-intimat George Schembri tgħid li għamlet żmien twil taħdem miegħu. Iżżid li daqqa jgħid li jaf jikteb u jaqra u daqqa jgħid li le. Kienu jmexxu l-ħanut flimkien u Francis ma kienx ikun hemm. Taqbel li George kellu paga u wiret sew ukoll. Tikkonferma li l-intimati wirtu ħafna proprjeta'.

Dwar il-bejgħ tal-appartament tixhed li hi saret taf li nbiegħ għaliex kienet għaddejja minn hemm u rat li kienu qed isiru xi xogħolijiet. Tixhed li bħala azzjonista ma kinitx avżata li ser jinbiegħ l-appartament wisq anqas bil-prezz. Iżżid li l-informazzjoni dwar il-prezz tahielha l-Avukat Mario Scerri. Dwar is-somma ta' ħamsa u sittin elf Liri Maltin (Lm65,000) tgħid li taħseb li dawn ġew minn flus Francis Schembri u flus tagħha meta kienu jaħdmu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti fejn il-Qorti ntalbet sabiex taħtar amministratur provviżorju:**

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti taqra kif isegwi:

'Fl-istadju preliminari ta' dan ir-rikors u b'urġenza taħtar minnufih amministratur provviżorju sabiex jamministra u jiġġestixxi n-negozju tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni tal-imsemmi negozju u dana taħt u skont id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.'

Il-Qorti rat li fil-verbal tal-25 ta' Settembru, 2019 Dr. Mario Scerri għan-nom tar-rikorrenti talab li l-Qorti tgħaddi sabiex taħtar amministratur provviżorju.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru, 2019 a fol. 330 et seq tal-proċess fejn f'dak l-istadju l-Qorti tat żmien lill-intimati sabiex iressqu prova li preżentaw l-*audited accounts* kollha tal-kumpanija dovuti sad-data tad-digriet lir-Registratur tal-kumpaniji flimkien ma' kopja tal-istess.

Rat illi fil-mori tal-każ l-intimati aħwa Schembri rriżenjaw minn diretturi tal-kumpanija intimata b'dana li din spiċċat mingħajr diretturi u dwar dan kien hemm qbil bejn il-partijiet u provi dokumentarji. L-intimat Francis Schembri rriżenja wkoll mill-kariga ta' segretarju eżekuttiv.

Rat li fil-verbal tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2020 għaddiet sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u  nnominat lil Dr. Kevan Azzopardi bħala aministratur provviżorju tal-kumpanija intimata.

Jirriżulta għalhekk li l-ewwel talba tar-rikorrenti ġiet  sorvolata fil-mori bin-nomina ta' Dr. Kevan Azzopardi bħala amministratur provviżorju kif mitlub.

**It-tieni talba dwar li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar:**

Illi t-tieni talba tar-rikorrenti titlob li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi n-negozju tal-kumpannija ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, u għaldaqstant hemm lok li tiġi xolta u konsegwentement stralċjata l-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u dan ai termini tas-subartikolu 214(2)(a)(i) u 218(1)(b) tal-Kap. 386.

Jirriżulta li l-intimati stess jammettu fir-risposta tagħhom li huwa minnu li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal perjodu ferm oltre l-erbgħa u ghoxrin (24) xahar li timponi l-liġi.  Fil-fatt mill-atti jirriżulta li n-negozju tal-kumpanija kien ilu sospiż mill-anqas tlett snin u dan jikkonfermah ukoll fix-xhieda tiegħu l-Awditur

Joseph Cordina. Il-kontijiet bankarji tal-kumpanija u wkoll l-*audited accounts* jevidenzjaw dan.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti ma tqisx li għandha għalfejn tinoltra ruħha oltre u ser tgħaddi sabiex tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti;

**It-tielet talba tar-rikorrent dwar raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata:**

Illi t-tielet talba tar-rikorrenti titlob li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u dan fit-termini tas-subartikolu 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap. 386.

Illi l-artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 386 jaqra kif isegwi:

(b) kumpanija **għandha** tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –

(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija; . . .'

Illi minn analiżi tal-provi kollha pjuttost voluminużi mressqa fl-atti odjerni l-qorti tasal għall-konklużjonijiet segwenti:

i) Illi l-kumpanija intimata sa mill-bidu li ġiet inkorporata, stante wkoll li ftit xhur wara r-rikorrenti Angelina Schembri u l-intimat Francis Schembri bdew is-separazzjoni personali tagħhom, il-kumpanija bdiet tintuża sfaċċatament mill-intimat Francis Schembri bħala mezz sabiex fiha jinħbew il-flus li huwa kien qed japproprja mill-komunjoni tal-akkwisti u wkoll jostra l-profit li kien qed jagħmel. Dan jammettih l-istess Francis Schembri fix-xhieda tiegħu fl-atti;

ii) Illi l-intimat l-ieħor George Schembri kien jaf ben tajjeb li Francis Schembri kien qed juża l-kumpanija sabiex jaħbi flus minn martu r-rikorrenti iżda qatt ma għamel xejn sabiex iwaqqaf dan l-aġir anzi jixhed li huwa dejjem għamel dak li jgħidu Francis Schembri mingħajr ebda oppożizzjoni;

iii) Illi għal snin twal, ghalkemm huwa minnu li jirriżulta li l-intimati aħwa Schembri investew ammont ta' flus fil-kumpanija, dawn bdew jabbużaw mill-kontroll li huma kellhom fuq il-finanzi tal-kumpanija b'dana li bdew jagħmlu użu mill-fondi tal-kumpanija daqs li kieku dawn kienu fondi personali tagħhom mingħajr ma jagħtu rendikont adekwat ta' dak li kien qed jiġri la fil-kontijiet tal-kumpanija u wisq anqas lill-azzjonisti l-oħra r-rikorrenti. L-intimat George Schembri sfaċċatament jixhed li l-qliegħ li kienet tagħmel il-kumpanija kienu jaqsmuh bejniethom hu u ħuh Francis Schembri;

iv) Illi mis-sena 2013 'l quddiem ir-rappreżentanti tal-kumpanija waqfu milli jippreżentaw fil-ħin il-kontijiet tal-kumpanija tant li dawn bdew isiru unikament wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna;

v) Bl-istess mod mis-sena 2013 'il quddiem jirriżulta li r-rappreżentanti tal-kumpanija aħwa Schembri intimati naqsu milli jsejħu l-laqgħa ġeneral annwali kif kienu obbligati bil-liġi;

vi) Illi tul is-snin l-aħwa intimati Schembri svestew lill-kumpanija sfaċċatament mill-investimenti kollha li kellha u approprjaw ruħhom mid-derivat ta' dawn l-investiment b'detriment tal-

kumpanija intimata u tal-azzjonisti tal-istess. Dan l-aġir baqa għaddej ukoll b'mod sfaċċat waqt li din il-kawża kienet pendenti bl-intimati Schembri jixhdu dwar l-istess daqs li kieku ma kienu qed jagħmlu xejn ħażin. Il-Qorti rat ukoll li lanqas l-awditur tal-kumpanija Joe Cordina ma deherlu li tul is-snin jiġbed l-attenzjoni tal-intimati dwar dan l-aġir;

vii) Irriżulta wkoll li l-kumpanija ntużat mill-intimati aħwa Schembri, fil-vesti tagħhom ta' diretturi, bħala mezz sabiex tittieħed b'qerq proprjeta' ta' terzi tant li kellhom ikunu l-Qrati li jordnu x-xoljiment tal-kuntratt in kwistjoni. Irriżulta wkoll li l-intimati aħwa Schembri approprjaw ruħhom mill-fondi li suppost reġgħu daħlu lura fil-kumpanija intimata mar-rexxissjoni tal-kuntratt. L-istess ġara minn fondi li suppost daħlu fil-kontijiet tal-kumpanija wara li nbiegħ appartament proprjeta' tal-kumpanija;

viii) Rat li tul is-snin l-intimat Francis Schembri għal diversi drabi abbuża mill-pożizzjoni tiegħu bħala Direttur u Segretarju Eżekuttiv billi kien jimla formoli ta' riżenja ta' diretturi fil-kumpanija mingħajr ma jsegwi l-proċedura apposita imposta mil-liġi sabiex jitneħħew diretturi u dan a skapitu tar-rikorrenti;

ix) Irriżulta wkoll ampjament pruvat li r-rikorrenti Angelina Schembri u Rodrick Schembri qatt ma ngħataw sodisfazzjon dwar kif kienet qed titmexxa l-kumpanija għalkemm jammettu li mas-separazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat Francis Schembri huma rrifjutaw li bi kwalunkwe mod ikollhom x'jaqsmu mal-kumpanija għalkemm dejjem żammew ferm il-jeddijiet tagħhom emanenti mill-ishma rispettivi.  Minn naħa l-oħra l-intimati aħwa Schembri pruvaw anki jimmanuvraw mod kif iżidu l-kapital tal-kumpanija biex ikollhom vot maġġoritarju fiha u jkunu jistgħu jaqbżu lill-azzjonisti l-oħra rikorrenti.  Dan huwa ammess sfaċċatament mill-intimat Francis Schembri fix-xhieda tiegħu.  Għalkemm huwa minnu li *prima facie* jidher li sabiex dan isir l-intimati segwew il-liġi *alla lettera*, iżda l-iskop moħbi wara din il-mossa f'xenarju fejn kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni kbira bejn l-azzjonisti riżultat tas-separazzjoni pendenti xejn ma jista' jserraħ moħħ din il-Qorti li l-kumpanija kienet qed titmexxa mid-diretturi tagħha fl-aħjar interess fl-ewwel lok tal-kumpanija u fit-tieni lok tal-azzjonisti **kollha** u mhux uħud.

Illi l-Qorti tieħu kont ukoll tal-fatt illi waqt li kien qed iseħħ dak kollu suespost, l-intimati aħwa Schembri kienu ġew diversi drabi avżati permezz ta' ittri legali u uffiċjali li in vista tal-litigazzjonijiet pendenti l-azzjonisti rikorrenti kienu qed jirrifjutaw li jipparteċipaw għal-laqghat ghalhekk u dan aktar jindika lill-Qorti

il-‘*bad-faith*’ li bih l-intimati Schembri kienu qed imexxu l-kumpanija.

Illi l-Qorti tqis li dak kollu suespost jikkwalifika bħala raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-istess. Il-provvedimenti tal-artikolu 218 tal-Kap. 386 huwa wkoll sodisfatt stante li r-rikors sar mill-azzjonisti tal-kumpanija u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti.

**Ir-raba’ u l-ħames talba:**

Illi permezz tar-raba’ talba tagħhom ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti tordna x-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata b’effett mill-jum imsemmi fl-artikolu 223 tal-Kap 386 filwaqt li permezz tal-ħames talba jitolbu li l-Qorti ai termini tal-artikolu 219 tal-Kap. 386 tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proċeduri.

Illi l-artikolu in kwistjoni jaqra kif isegwi:

'(1) Meta jkun sar ordni ta' stralċ, il-kumpanija titqies li tkun xolta fil-ħin tal-preżentata tar-rikors għal stralċ:

Iżda meta ordni għal stralċ ikun sar skont l-artikolu 214(2)(b)(iii), il-kumpanija titqies li tkun xolta fid-data li fiha jsir l-ordni ta' stralċ: . . . '

Illi stante li l-Qorti qed tordna l-likwidazzjoni u l-konsegwenti stralċ ukoll fit-termini tal-artikolu 214 (2) (b) (iii) ser tgħaddi sabiex tilqa' r-raba' talba kif dedotta.

Illi dwar il-ħames talba jirriżulta minn dak kollu suespost li l-Qorti tat diversi ordnijiet provviżorji waqt l-andament tal-kawża partikolarment mill-mument li ġie nominat l-amministratur provviżorju Dr. Kevan Azzopardi wara li d-diretturi kollha u s-segretarju tal-kumpanija (iż-żewġ intimati Schembri) rriżenjaw mill-istess u l-kumpanija spiċċat mingħajr ebda tmexxija.

**Is-sitt talba:**

Illi s-sitt talba tar-rikorrenti titlob li din il-Qorti taħtar stralċjarju bis-setgħat u d-dmirijiet kollha skont l-artikoli 228 *et sequitur* tal-Kap 386 u tagħti kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi inkluz ukoll illi

jinvestiga l-aġir negliġenti u abbużiv tal-intimati Francis Schembri u George Schembri u dan in vista wkoll ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 316 tal-Kap 386.

Illi in vista ta' dak rilevat u deċiż taħt it-tielet talba l-Qorti tqis li apparti s-setghat u d-dmirijiet ordinarji emanenti mill-artikoli 228 et seq tal-kap. 386 hemm ukoll il-lok li l-istralċjarju nominat jinvestiga l-aġir tal-intimati Francis Shembri u George Schembri fl-operat tal-kumpanija u ghalhekk din it-talba ser tiġi milqugħa kif kwalifikata.

**Is-seba' talba:**

Illi s-seba' talba tar-rikorrenti titlob li fi stadju ulterjuri tas-smigħ ta' dan ir-rikors il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati Francis Schembri u George Schembri, diretturi tal-kumpanija intimata u li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod hawn fuq deskritt, mexxew lill-kumpanija intimata ħażin u bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija intimata inkluż tar-rikorrenti u għalhekk tiddikjara lill-imsemmija intimati Francis Schembri u George Schembri responsabbli personalment u *in solidum* bejniethom, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpanija

intimata u tikkundanna lill-imsemmija Francis Schembri u George Schembri iħallsu l-istess *in solidum* bejniethom. In oltre l-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika fil-konfront tal-imsemmija intimati aħwa Schembri dik il-multa jew multi li din il-Qorti jidhrilha xieraq u tapplika dawk il-komminazzjonijiet l-oħra kollha kontemplati taħt l-artikolu 315(2) tal-Kap. 386.

Il-Qorti rat li l-artikolu 315 tal-Kap. 386 Att dwar il-Kumpaniji jaqra kif isegwi:

'315.(1) Jekk waqt l-istralċ ta' kumpanija sew jekk b'ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi, il-qorti tista' fuq rikors tar-riċevitur uffiċċjali, jew tal-istralċjarju jew ta' jew ta' xi kontributorju tal-kumpanija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpanija kif il-qorti tista' tordna.

(2) Meta n-negozju ta' kumpanija jitmexxa b'dak il-ħsieb jew għal dawk l-għanijiet hekk kif imsemmija fis-subartikolu (1), kull persuna li xjentement tkun parti fit-tmexxija tan-negozju kif intqal

qabel, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.'

Illi dwar din it-talba l-intimati jsostnu li hija waħda prematura u intempestiva stante illi ma setgħax jirriżulta ebda għemil frawdolenti da parti ta' ebda wieħed mill-azzjonisti jew diretturi fil-konfront tal-kredituri jekk il-proċeduri tat-terminazzjoni u l-istralċ għadhom ma nbdewx.

L-amministratur provviżorju nominat Dr. Kevan Azzopardi dwar din it-talba fir-risposta tiegħu a fol. 1045 et seq tal-proċess u b'referenza għall-artikolu 307 tal-Kap. 386 isostni li fil-fehma tiegħu  n-natura ta' din it-talba m'hijiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kummercjali tagħha u dan peress li l-artikolu 307 tal-Kap. 386 jikkontempla reat punibbli b'piena attribwibbli għal reati kriminali konsistenti f'multa ta' mhux  aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.  Tali reati huma kompetenza tal-Qorti Kriminali.

L-amministratur provviżorju jaqbel ukoll ma' dak eċċepit mill-intimati fis-sens illi t-talba hija intempestiva u inapplikabbli f'dan l-istadju peress li dak li tgħid il-liġi taħt l-Artikolu 307 tal-Kap. 386 japplika fl-istadju meta kumpanija tkun diġa xolta filwaqt li l-Qorti odjerna għadha ma ordnatx ix-xoljiment tal-kumpanija.

Għaż-żewġ raġunijiet suesposti l-amministratur provviżorju jsostni li din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' din it-talba jew jekk tieħu konjizzjoni tagħha għandha f'dan l-istadju tiċħadha minħabba l–intempestivita' tagħha li trendiha inapplikabbli għall-uffiċjali tal-kumpanija kif impostata.

Stante li l-amministratur provviżorju semma wkoll l-artikolu 307 tal-Kap. 386 tal-Att dwar il-Kumpaniji il-Qorti rat ukoll dan l-artikolu li jaqra kif isegwi:

'(1) Meta kumpanija tkun xolta skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 214, kull persuna, li qabel kienet jew li tkun uffiċjal tal-kumpanija, titqies li tkun għamlet reat jekk, fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel id-data meqjusa bħala d-data tax-xoljiment, tkun –
(a) ħbiet xi parti tal-proprjeta' tal-kumpanija jew tkun ħbiet xi dejn dovut lill-kumpanija jew minnha; jew
(b) bi frodi warrbet xi parti mill-proprjeta' tal-kumpanija; jew

(ċ) ħbiet, iddistruġġiet, immutilat jew iffalsifikat xi ktieb jew karta li tolqot jew li għandha x'taqsam mal-proprjeta' jew mal-affarijiet tal-kumpanija; jew

(d) għamlet xi reġistrazzjoni falza f'xi ktieb jew karta li tolqot jew li jkollha x'taqsam mal-proprjeta' jew mal-affarijiet tal-kumpanija; jew

(e) bi frodi telqet minn idejha jew bidlet xi dokument li jolqot jew li għandu x'jaqsam mal-proprjeta' jew mal-affarijiet tal-kumpanija; jew

(f) tat bi pleġġ jew iddisponiet minn xi proprjeta' tal-kumpanija li tkun inkisbet bi kreditu u tkun għadha ma tħallsitx, kemm-il darba l-pleġġ jew id-disponiment ma jkunx sar fil-kors ordinarju tan-negozju tal-kumpanija; jew

(g) b'xi rappreżentazzjoni falza jew frodi ieħor, kisbet proprjeta' għal jew għan-nom tal-kumpanija bi kreditu li l-kumpanija sussegwentement ma tħallasx; jew

(h) eżerċitat xi rappreżentanza falza jew frodi bil-għan li tikseb il-kunsens tal-kredituri tal-kumpanija jew ta' uħud minnhom għal ftehim dwar l-affarijiet tal-kumpanija jew dwar ix-xoljiment tagħha.

(2) Persuna bħal dik titqies li tkun għamlet reat jekk fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1) kienet taf li xi ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) tiegħu kienu qed isiru minn xi ħadd ieħor, u titqies li tkun għamlet reat jekk, f'xi żmien wara d-data meqjusa

bħala d-data tax-xoljiment, din tagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi minn (a) sa (h) ta' dak is-subartikolu, jew tkun taf li xi ħadd ieħor qed jagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi minn (ċ) sa (e) ta' dak is-subartikolu.

(3) Persuna akkużata tista' ġġib bħala prova li hi ma kellhiex il-ħsieb li tagħmel frodi jew li taħbi l-affarijiet tal-kumpanija jew li tikser il-liġi.

(4) Meta persuna tagħti bi pleġġ jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjeta' f'ċirkostanzi li jammontaw għal reat taħt is-subartikolu (1)(f), kull persuna li tirċievi l-proprjeta' bi pleġġ jew xort'oħra tirċievi l-proprjeta' meta tkun taf li din tkun pleġġjata jew disposta f'dawk iċ-ċirkostanzi, tkun ħatja ta' reat.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma "uffiċjal" għandha tinkludi kull persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha id-diretturi ta' kumpanija jkunu normalment jaġixxu.

(6) Persuna ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.'

Illi minn qari tal-artikoli suesposti joħrog li l-intimati u l-amministratur provviżorju għandhom raġun fejn isostnu li s-seba' talba kif impostata hija prematura stante li din tista' ssir biss fil-mument li l-kumpanija tkun xolta li mhux il-każ preżentement. In oltre, huwa ċar li dak li jikkontemplaw l-artikoli suesposti huma reati kriminali li jirrikjedu grad ta' prova divers minn dak li jeħtieġ li jiġi pruvat quddiem din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni preżenti tagħha u cioe' dak tal-oltre raġonevoli dubju, in oltre l-persuni li eventwalment jistgħu jiġu akkużati b'dawn ir-reati għandhom diversi jeddijiet fundamentali li fil-kamp kriminali japplikaw diversament mill-kap ċivili fosthom id-dritt li jkunu mgħejuna minn Avukat waqt l-istqarrija, id-dritt tal-kawzjoni, id-dritt tas-silenzju, id-dritt tal-presunzjoni ta' innoċenza u diversi jeddijiet oħra li jridu jiġu salvagwardjati fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti fil-kompetenza kummerċjali tagħha u wkoll wara li gia semgħet ammont sostanzjali ta' xhieda u saħansitra semgħet ix-xhieda tal-intimati bosta drabi mingħajr ma ngħataw twissija dwar id-dritt tagħhom li ma jinkriminawx ruħhom, ma tqisx li tista tassigura li dawn il-jeddijiet ikunu sodisfatti. Għalhekk għal dan il-ghan hemm il-Qorti Kriminali.

Għaldaqstant stante li jirriżulta li din it-talba tar-rikorrenti hija waħda intempestiva u wkoll stante li l-proċeduri kontemplati

huma ta' kompetenza tal-Qrati Kriminali, il-Qorti f'dan l-istadju ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba b'riżerva għal kull azzjoni oħra fil-liġi spettanti lill-partijiet fil-mument opportun u fil-Qorti jew qrati kompetenti.

**Deċizjoni:**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:**

**1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li n-negozju tal-kumpanija intimata ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar, u għaldaqstant hemm lok li tiġi xolta u konsegwentement stralċjata l-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u dan ai termini tas-subartikolu 214(2)(a)(i) u 218(1)(b) tal-Kap. 386;**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata Neptune's Bar and Restaurant Company Limited u dan ai termini tas-subartikolu 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap. 386;**

**4. Tilqa' r-raba talba u tordna x-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpanija intimata b'effett mill-jum imsemmi fl-artikolu 223 tal-Kap 386;**

**5. Tiddikjara l-ħames talba sorvolata;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u taħtar bħala stralċjarju lil Dr. Kevan Azzopardi bis-setgħat u d-dmirijiet kollha skont l-artikoli 228 *et sequitur* tal-Kap 386 b'dan illi l-istralċjarju għandu wkoll, bla ħsara għall-ġeneralita' ta' dawk is-setgħat u dmirijiet –**

**i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanija intimata kif irid l-art. 226 tal-Kap 386 jagħmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386;**

**ii. jagħmel verifika dwar l-assi u djun tal-kumpanija intimata u għandu wkoll jivverifika wkoll il-gradwazzjoni tad-djun jekk jirriżultaw;**

**iii. jieħu taht il-kustodja jew kontroll tiegħu l-assi kollha tal-kumpanija intimata fit-termini tal-artikolu 237 tal-Kap 386;**

**iv. jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċediment legali ieħor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija intimata.**

**v. Jirrelata dwar il-miżuri meħtiega għall-ħarsien tal-assi tal-kumpanija intimata.**

**vi. Jinvestiga l-aġir tal-intimati Francis Schembri u George Schembri u jieħu l-passi kollha li tipprovdi l-liġi skont ir-riżultanzi;**

**vii) jippreżenta r-rapport tiegħu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**7. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati u għar-raġunijiet suesposti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba tar-rikorrenti b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-partijiet kollha skont il-liġi.**

**8. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.**

**9. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.**

**Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjeż kollha relatati mal-amministrazzjoni tal-amministratur provviżorju nominat, tal-istralċjarju nominat u tal-istralċ għandhom jiġu sopportati primarjament mill-kumpanija intimata, fin-nuqqas għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti u l-intimati kull wieħed jew waħda minnhom skont l-**

**ishma rispettivi fil-kumpanija. L-ispejjeż tas-seba' talba tar-rikorrenti għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. L-ispejjeż kollha rimanenti inkluż l-ispejjeż tal-kawża u inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru, ta' qbid u ta' inibizzjoni preżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors għandhom jiġu sopportati mill-intimati Francis u George Schembri.**

**Il-mandati ta' sekwestru, qbid u inibizzjoni msemmija fl-atti odjerni u dawk marbuta mal-kawża odjerna fil-konfront tal-intimati għandhom jibqghu in vigore pendenti l-likwidazzjoni u l-ordni ta' stralċ.**

(ft) Joanne Vella Cuschieri
**Imħallef**

(ft) Daniel Sacco
**D/Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur